

# dawl Franġiskan

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

NOVEMBRU 2014 ■ L-34 SENA ■ GHADD 344

NEWSPAPER POST ■ IISN 1811-5373

# Werrej


3 **Editorjal**
L-Għid tal-Imwiet

6 **Pastorali tas-Saħħa**
Patri Mario Attard OFMCap

8 **Mill-Iskola ta' Patri Piju**
Fr Joe Buttiġieġ OFMCap

5 **Messaġġ tal-Papa Franġisku**

10 **Sehem il-Lajċi fil-Knisja (5)**
Jude Muscat

12 **Festi u Folklor**
Joseph C. Camilleri

14 **Ħutna Kapuċċini li ħallewna**
Fr Martin Micallef OFMCap
Min. Prov.

16 **Knisja Ħajja: Ħidma u Aħbarijiet**
Fr Silvestru Bonavia OFMCap

18 **Gi.Fra**
Simon Peter Gatt

20 **40 Sena ta' Preżenza fil-Kenja**
Intervista minn
Fr Philip Cutajar OFMCap

22 **Esperjenzi Missjunarji**
Fr Joe Grixti OFMCap

23 **Poeżija**
Filippu Chircop

24 **Novella**
Emily Barbaro Sant

25 **Poeżija**
Charmaine Tanti

26 **Aħbarijiet tal-Provinċja Kapuċċina f'Malta**
Bro. Bertrand Vella OFMCap – Segretarju Provinċjali

31 **Kompetizzjoni**
Fr Wistin Attard OFMCap





**dawl Franġiskan**
LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

Dettal mill-pittura kapulavur tal-ĠUDIZZJU FINALI magħmula minn MikielAnġlu bejn is-sena 1536 u 1541. Din il-pittura famuża tinstab fiċ-ċentru, fuq l-artal maġġur, tal-Kappella Sistina, fil-Vatikan - Ruma. It-tema prinċipali ta' din il-pittura hija T-TIENI MIĠJA TAL-MULEJ ĠESÙ BĦALA MĦALLEF. Maġenb Kristu hemm il-figura ta' Marija.

Din hija immaġni li speċjalment f'dan ix-xahar ta' Novembru żgur tgħinna biex nirriflettu mhux biss dwar il-mejtin li ħallewna u li aħna fid-dmir li nitolbu għalihom imma wkoll li naħsbu fina nfusna li għadna hawn, sabiex ngħixu ħajja tajba bil-għan li fil-ġudizzju niġu magħżula mall-qaddisin.


Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena.

Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, u għandha tintbagħat lid-Direttur:

**Ċentru Missjoni Kapuċċini,**
**Kunvent tal-Kapuċċini,**
**Il-Furjana – FRN1211**



**Bord Editorjali**

*Editur*
Fr Philip Cutajar OFMCap

*Amministratur*
Fr Crispin Tabone OFMCap

*Distributuri Malta*
Dorian Holland OFS

*Distributuri Għawdex*
Pierre E. Buttiġieġ OFS

*Membri*
Joe Debattista – GFF
Gordon Swain – ĠI.FRA



**Direzzjoni u Amministrazzjoni**

Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

*Telefown:* 2123 3874,
2122 5525,
2123 4949

*Imejl:*
cutajarphilip777@gmail.com

*IISN 1811-5373*

*Disinn u Stampar*
Best Print Co. Ltd
*Telefown:* 2168 0789

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidħru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriżerva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidħrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*



*© Dawl Franġiskan 2014*
*Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini*



EDITORJAL Fr Philip Cutajar OFMCap

# L-Għid tal-Imwiet

Qegħdin fix-xahar ta' Novembru. U proprju wara li fl-ewwel jum ta' dan ix-xahar niċċelebraw is-solennità tal-Qaddisin kollha, fit-tieni jum niftakru fil-Mejtin kollha. Huwa Jum it-Tifkira tal-Mejtin kollha. L-Għid tal-Imwiet li għalina, bħala Kattoliċi, għandu diversi tifsiriet.

Hija tifkira fejn fiha nesprimu l-fidi tagħna kemm fil-qawmien mill-imwiet kif ukoll fil-Ħajja ta' Dejjem. Wara li permezz tal-festa tal-1 ta' Novembru, il-festa tal-Qaddisin kollha nagħmlu l-istqarrija tal-fidi tagħna fix-Xirka tal-Qaddisin, l-Għid tal-Imwiet iħeġġiġna sabiex niftakru b'imħabba u b'rispett imma mhux inqas ukoll b'fidi u tama f'dawk ħutna li diġà ħallewna. Dawk ħutna li m'għadhomx magħna. Niftakru fl-erwieħ kollha tal-Purgatorju. Aħna bħala Kattoliċi nemmnu li biex ruħ tidħol il-Ġenna trid tkun mingħajr piena tad-dnub. Għalhekk dawk ħutna li mietu fil-grazzja ta' Alla imma mgħobbija bil-piena tad-dnub jinħtieġ li jgħaddu mill-Purgatorju sabiex hemm jiġu ppurifikati u b'hekk ikunu jistgħu jidħlu fit-tgawdija tal-Ħajja ta' Dejjem. Din hi l-fidi tagħna.

Dawk li jmutu fil-grazzja u l-ħbiberija ta' Alla, iżda mhux safja għalkollox, minkejja li żguri mis-salvazzjoni ta' dejjem tagħhom, wara mewthom iġarrbu purifikazzjoni biex jiksbu l-qdusija meħtieġa ħa jidħlu fl-hena tas-sema.

Quddiem din ir-realtà tal-fidi tagħna jkun sewwa u xieraq li naħsbu u nirriflettu dwar veritajiet oħra li joħorġu mill-istess realtà li nistqarru f'Jum L-Għid tal-Imwiet.

1. Id-duttrina dwar il-Purgatorju ma ġietx ivvintata mill-Knisja Kattolika fil-11 jew it-12-il seklu bħalma jgħidu b'mod żbaljat il-Protestanti u tas-Setta tax-Xhieda ta' Jehovah.

2. Il-Ġisem ta' Kristu huwa ffurmat minn tliet kategoriji ta' membri tal-Poplu ta' Alla. Dawn huma:

   a) dik li nsejħulha "*Il-Knisja Militanti jew Itineranti*": aħna li għadna f'din id-dinja nikkoperaw mal-grazzja ta' Alla li twassalna għas-salvazzjoni;

   b) "*Il-Knisja Purganti*": ħutna mejtin li għadhom għaddejjin mill-proċess ta' purifikazzjoni fil-Purgatorju biex ikunu jistgħu jakkwistaw il-premju etern;

   c) "*Il-Knisja Trijunfanti*": dik tal-qaddisin li diġà qegħdin igawdu l-hena ta' dejjem, fil-preżenza ta' Alla.

   Dawn it-tliet kategoriji jiffurmaw parti intima mill-Ġisem ta' Kristu: bħal friegħi marbuta mad-dielja. Huma magħqudin ma' Kristu u bejniethom.

3. Il-Knisja ssejjaħ *Purgatorju* din il-'*purifikazzjoni tal-aħħar*' tal-magħżulin, tisfija li hi għalkollox differenti mill-kastig etern tad-dannati. Il-Knisja fissret il-fidi tagħha fil-Purgatorju l-aktar fil-Konċilji ta' Firenze u dak ta' Trento.

4. Id-dnub fina jġib żewġ konsegwenzi. Dawn huma l-pwieni li joħorġu min-natura stess tad-dnub. Dawn iż-żewġ konsegwenzi jew pwieni huma:

   i) Id-dnub il-mejjet iġib "*il-piena ta' dejjem*" għax itellfilna l-għaqda ma' Alla u għalhekk ma nkunux nistgħu niksbu l-ħajja ta' dejjem;

   ii) Min-naħa l-oħra kull dnub, ukoll dnub venjali, iġib miegħu "*il-piena taż-żmien*". Minn din il-piena wieħed irid ifiq minnha jew f'din id-dinja jew fid-dinja l-oħra, fi stat li nsejħulu l-Purgatorju.



5. Id-dmir tagħna huwa li nitolbu għal dawn ħutna li ħallewna. Hija tradizzjoni biblika li nsibuha diġà fit-2 Ktieb tal-Makkabin, kapitlu 12, versi 43-45. Tradizzjoni li l-Knisja Kattolika, b'differenza mill-knejjes ta' ħutna mifrudin (il-Protestanti) żammet tul l-elfejn sena ta' storja. Insibu diversi siltiet bibliċi oħra, anke fit-Testment il-Ġdid, fosthom dik tal-1 Ittra ta' San Pawl lill-Korintin, 3, 10-15 - "... iżda huwa jsalva, imma jkun għadda minn ġon-nar." Sintendi, fit-tradizzjoni biblika ma jissemmiex l-isem ta' "Purgatorju". Dan l-isem ġie mogħti ferm aktar tard.

6. Huwa tajjeb li ninterċedu għal ħutna mejtin sabiex ifittxu jinħelsu mill-Purgatorju, żmien u spazju ta' purifikazzjoni. Dan nistgħu nagħmluh l-aktar billi noffru suffraġji għalihom, b'mod partikulari permezz tas-Sagrifiċċju Ewkaristiku. Il-Knisja tirrakkomanda wkoll il-karità, l-indulġenzi u l-penitenzi b'suffraġju għall-mejtin. Hekk iħeġġiġna nagħmlu San Ġwann Griżostmu: "Ħa ngħinuhom u niftakru fihom. Jekk ulied Ġob kienu jitnaddfu mit-tniġġis tagħhom bis-sagrifiċċju ta' missierhom (ara Ġob 1,5), *għaliex għandna naħsbu li l-offerti tagħna għall-mejtin mhux se jiksbulhom xi faraġ? Ma noqogħdux naħsbuha biex ngħinu lil dawk li ġa telqu u noffru talb għalihom.*"

Id-dmir li nitolbu għall-mejtin tal-Purgatorju joħroġ mill-istess kmandament tal-imħabba lejn il-proxxmu.

Ilkoll kemm aħna f'qalbna għandna bħal nekroloġju, lista ta' persuni għeżież għalina u li dawn m'għadhomx magħna. F'dawn il-ġranet immorru fuq l-oqbra tagħhom. Ma nħallux li din iż-żjara tkun mument fejn inġeddu n-niket u s-swied ta' qalb li ħassejna dakinhar li mietu. Imma nfittxu li ż-żjara li nagħmlu lill-mejtin tagħna tkun xhieda tal-għaqda tagħna magħhom (l-għaqda fil-Ġisem ta' Kristu), żjara ta' mħabba u rispett; żjara ta' fidi u tama – "mal-mewt il-ħajja ma tintemmx imma tinbidel f'waħda aħjar"; żjara fejn infittxu li nitgħallmu xi ħaġa mit-tajjeb li wettqu f'ħajjithom; żjara sabiex nitolbu lil Alla ħalli jagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem. Fuq kollox inħallu li ż-żjara li b'tant devozzjoni nagħmlu f'dawn il-ġranet fuq l-oqbra tal-għeżież tagħna, tkun żjara li tfakkarna

**"li bħalma aħna issa, huma darba kienu, u bħalma huma qegħdin issa aħna darba għad rridu nkunu.**

Naħsbu u nirriflettu dwar dan biex fid-dnub qatt ma naqgħu!"

# Siltiet mill-Messaġġ tal-Papa Franġisku



## Ġurnata Missjunarja

(19 ta' Ottubru 2014)

Il-Ġurnata Missjunarja hi mument speċjali li bih il-fidili tad-diversi kontinenti jimpenjaw ruħhom bit-talb u ġesti konkreti ta' solidarjetà biex jgħinu lill-knejjes fl-artijiet tal-missjoni.

Ġesù jgħidilna: "Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jien inserraħkom. Hudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jien ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom. Għax il-madmad tiegħi ħelu u t-toqol tiegħi ħafif." (Mt.11, 28-30)

L-ikbar riskju llum fid-dinja, mifnija mill-konsumiżmu u individwaliżmu li ġej mid-dwejjaq tal-qalb, u r-riċerka għall-pjaċir superfiċjali. (ibid, Gaudium N. Evangelii, 2) L-umanità għandha bżonn kbir li tikseb is salvazzjoni li ġabilha Kristu. Id-dixxipli huma dawk li jħallu l-imħabba ta' Ġesù tikber dejjem aktar fihom biex ikunu messaġġiera tal-ferħ tal-Vanġelu.



Il-ferħ tal-Vanġelu jiġi mil-laqgħa ma' Kristu u mill-qsim tal-ġid mal-foqra. Għalhekk ninkuraġġixxi lill-komunitajiet parrokkjali, l-għaqdiet u l-gruppi biex jgħixu ħajja ta' aħwa, mibnija fuq l-imħabba għal Ġesù u attenta għall-bżonnijiet ta' dawk l-aktar fil-bżonn.

"Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ." (2 Kor. 9, 7) Il-Ġurnata Missjunarja hija anki mument biex insaħħu x-xewqa u d-dmir morali tal-parteċipazzjoni bil-ferħ fil-missjoni lill-ġnus. Il-kontribut ekonomiku personali huwa s-sinjal tal-offerta tagħna, l-ewwel lill-Mulej u mbagħad lill-aħwa, biex l-offerta materjali tagħna ssir mezz ta' Evanġelizzazzjoni ta' umanità li tinbena fuq l-imħabba.

F'din il-Ġurnata Missjunarja l-ħsieb tiegħi jmur fuq il-knejjes lokali kollha. Id-dixxiplu tal-Mulej jibqa' jgħix fil-ferħ tal-Vanġelu meta joqgħod miegħu, jagħmel ir-rieda tiegħu u jissieħeb miegħu fil-fidi, it-tama u l-imħabba evanġelika.

Lil Marija, mudell ta' evanġelizzazzjoni umli u ferħana, nagħmlu t-talb tagħna, biex il-Knisja ssir dar għal ħafna, omm għall-popli kollha u tagħmel possibbli t-twelid ta' dinja ġdida.



 Patri Mario Attard OFM Kap

# Hemm Anġlu li jismu Nicole

Ix-xogħol tal-Isptar ilaqqagħni ma' biżibilju ta' stejjer. Fost dawn illum nixtieq naqsam magħkom dik ta' Nicole Żahra, tifla ta' għaxar snin li, nhar is-16 ta' Lulju ta' din is-sena marret tiltaqa' ma' Kristu Rxoxt. Min hu dan l-anġlu li bħalissa qiegħed fis-sema jitlob għalina lkoll?

Nicole kienet tifla ta' karattru kwiet, umli, ubbidjenti u ta' qalb kbira. Fi kliem il-kuġina tagħha Elena Fava, "kienet tifla bil-għaqal ħafna." Wiċċha kien imżejjen bi tbissima li kienet thennik u timliek bil-ħajja. Għalkemm ċkejkna, Nicole kellha mħabba kbira għal Ġesù. Tant hu hekk li fuq kull karta li kienet tara kienet tiktiblu hekk: 'kemm inħobbok Ġesù'. It-tagħlim tant kemm kien għal qalbha li x-xewqa tagħha kienet li meta tikber issir soru u tgħallem lit-tfal. Barra minn hekk, Nicole kellha x-xewqa kbira li titgħallem iddoqq il-vjolin. Fil-fatt kienet sejra titgħallmu fil-vaganzi tas-sajf.

Għalkemm ċkejkna fl-età, Nicole kellha sens kbir ta' inizjattiva u *leadership* mill-aktar qawwija. Meta kienet tidħol għal xi ħaġa kienet tagħmel dan b'ruħha u ġisimha. Skont Elena, ma' Nicole "ma kontx tista' tgħid: 'Uff ... X'ħa nagħmlu?' għax kien ikollha kollox organizzat u ppreparat. Tul is-sena skolastika Nicole intgħażlet biex tkun parti mill-kumitat imsejjaħ ECOSKOLA. L-imħabba tagħha lejn il-ħarsien tal-ambjent naturali wasslitha biex, flimkien ma' Elena, twaqqaf grupp li semmewh ECONANN. L-għan ta' dan l-isem kien minħabba li Carmen, in-nanna taż-żewġt ibniet, kienet tħallihom jużaw il-ġnien li għandha mad-dar. Mal-ġnien tan-Nanna Carmen kien hemm marbuta tifkiriet mill-aktar sbieħ. Tistqarr Elena Fava: "Il-ġnien bil-ħin sar tagħna għax aħna, flimkien mal-kuġin tagħna Daniel li kien jiġi jgħinna, bdejna nieħdu ħsiebu. Konna nagħmlu ħafna pjanijiet fuq il-ġnien biex insebbħuh u nħalluh nadif. Niftakarna noqogħdu naqtgħu l-laring mis-siġar u ngħassruh biex nixorbuh. Darba konna għasarna ħafna u rnexxielna nixorbuh kollu."



Barra minn hekk, kemm Nicole, kif ukoll Elena, li maż-żmien saret għaliha "qisha oħti ż-żgħira", kienu l-moħħ wara l-attivitajiet varji li kienu janimaw il-ħajja tal-familja, speċjalment fl-ikla tal-ewwel tas-sena li kienet issir għand in-Nanna Carmen. F'dan l-avveniment familjari ż-żewġ kuġini kienu jagħmlu premijiet żgħar bħal ngħidu aħna xi *hamper* mimli daqs bajda bil-ħelu jew bl-affarijiet tal-*istationary* bl-iskop li l-flus li kienu jdaħħlu kienu jixtru bihom dak kollu li kienu jeħtieġu għall-grupp ECONANN.

Nicole kienet mhux biss tifla ddedikata u entużjasta imma wkoll dak li kienet tagħmel idha l-leminija ma kinitx tkun tafu idha x-xellugija. Fi żmien il-Milied, mingħajr ħafna daqq tat-trombi, kienet tħejji basket mimli affarijiet personali tagħha biex tagħtihom lit-tfal inqas ixxurtjati minnha. Is-sens reliġjuż tagħha kien jidher anki fil-mod ta' kif kienet tilgħab. Nicole kienet tħobb tirreċta l-quddiesa, xi ħaġa li ħafna tfal tal-lum ma tantx issibhom li jagħmluha. Nicole u Elena kellhom xewqa interessanti. Tissokta Elena: "dejjem xtaqna nagħmlu r-reċta tal-passjoni iżda ma kienx ikollna nies biżżejjed biex jilagħbu l-partijiet." Dawn il-fatti kurjużi juru biċ-ċar kemm din it-tifla kienet taf tqatta' l-ħin liberu tagħha b'ħafna sempliċità u anki b'mod mill-aktar kreattiv.

Ta' tifla Kalkariża li kienet, Nicole kienet tħaddan il-valuri ta' San Franġisk ta' Assisi. L-annimali kienu l-mimmi t'għajnejha, l-aktar il-qtates. Ta' kull filgħaxija, Nicole, flimkien mal-kuġin tagħha Daniel, kienu jmorru jiltaqgħu mal-ħabiba tal-qalb tagħhom Miriam sabiex joqogħdu jitimgħu l-qtates li kienu jinġabru biswit l-iskola. Mill-*pocket money* li kienet tfaddal kienet tixtri l-ikel għall-qtates. Skont kuġinitha Elena, Nicole "xtaqet twaqqaf Pet Care Centre biex tieħu ħsieb l-annimali." Bħal San Franġisk, it-tifla kienet tiġġennen għal Ommna l-Art. L-għors tagħha kien li tmur ta' sikwit ma' missierha Peter l-għalqa u hemm toqgħod titpaxxa bil-ġmiel tal-kampanja Maltija filwaqt li tagħtih daqqa t'id fix-xogħol tal-art.

Nicole kellha mħabba kbira għal dak kollu li kien għażiż għall-familja tagħha. Il-kuġina tagħha Elena tirrakkonta din l-espjerenza ħelwa li fiha nilmħu kemm Nicole kienet tinteressa ruħha fl-istorja tal-familja tagħha. "Darba waħda, jiena u Nicole ħadna interess kbir fid-dar tan-nanna għax kellha storja kbira warajha, l-iktar is-sular ta' fuq u l-bejt. Minħabba li l-post kien vojt qatt ma konna tlajna waħedna għaliex bżajna. Għalhekk kull meta tlajna ma' xi ħadd konna naħtfu l-opportunità nfittxu ħalli nippruvaw insibu xi ħaġa ġdida. Mingħand in-nanna sirna nafu li d-dar darba kienet kunvent."

Fil-jum li fih kellha l-inċident, Nicole rħetilha lejn il-Knisja biex tisma' l-quddiesa. Oħtha Lenise marret magħha. F'daqqa waħda, Nicole qaltilha li kienet qiegħda tħossha ferħana l-għaliex marret tqerr u titqarben. Il-preċiżi kelmiet tagħha lil oħtha Lenise kienu dawn: "Illum qiegħda nħoss li lil Ġesù għamiltlu kollox. Inħossni nadifa ġewwa qalbi." Dakinhar, il-Ħadd l-4 ta' Lulju, Nicole rnexxielha tagħmel dak kollu li kienet tħobb. L-aħħar logħba li lagħbet kienet mal-kuġina tagħha Mariona. Ta' tfal li huma, iż-żewġ kuġini qagħdu jiġru bir-rota ġol-għalqa.

Anki wara mewtha, Nicole baqgħet it-tifla ġeneruża li dejjem kienet. Anzi, f'mewtha l-iżjed li tat ħajja l-għaliex l-organi tagħha tejbu bil-kif il-ħajja ta' erba' persuni. Kull min kien jaf lil Nicole kulħadd jgħidlek x'tifla speċjali kienet. L-umiltà li tgħaġġbek tagħha kienet iġġagħlek tħobbha avolja ma tafhiex minn Adam. Din l-anġlu tas-sema ssuktat tħobb lil kulħadd billi għadha titlob għalina quddiem il-Mulej. Personalment, inħossni onorat u mbierek li kont involut b'mod mill-aktar qrib fl-istorja tagħha. Minn mindu marret fi ħdan il-Missier tas-Sema, Nicole ma waqfitx tberikni f'kull mument ta' ħajti. Għax tassew, Nicole Żahra, hija l-anġlu tal-barka ta' Alla għalina lkoll.





MILL-ISKOLA TA' PATRI PIJU Fr Joe Buttiġieġ OFMCap

# Stejjer ta' Erwieħ u San Patri Piju

> *"Għamilt patt m'Alla. Wara li ruħi tissaffa fil-Purgatorju u allura jkun jixirqilha tidħol il-Ġenna, jiena noqgħod mal-bibien tagħha u ma nidħolx sakemm nara li daħlu qabli ħuti u l-Ulied Spiritwali tiegħi kollha, sal-inqas wieħed."*

Id-devozzjoni ta' Padre Pio lejn l-Erwieħ ma kinitx dik tax-xema' u l-fjuri imma ta' talb bla jaqta' għalihom, l-aktar bil-quddiesa. Kienu l-erwieħ tal-Purgatorju stess li spiss kienu jitilgħu l-muntanji tal-Gargano, San Giovanni Rotondo, biex iżuru lil Padre Pio matul it-52 sena li għex fil-kunvent t'hemmhekk.

Ix-xhieda li taw xi wħud mill-Ulied Spiritwali tal-Patri, u minn dak li ħallew miktub dawk li kienu jiktbu l-ġrajjiet tal-ħajja fil-kunvent, jidher ċar li l-esperjenzi ta' Padre Pio mal-erwieħ tal-Purgatorju ma kinux mibnija fuq il-fantasija imma fuq ir-realtà. Dak li kien jara ma kienx jarah bl-għajnejn ta' moħħu, imma bl-għajnejn tal-ġisem.



Fl-ewwel snin tiegħu f'San Giovanni Rotondo, Padre Pio kien jieħu ħsieb lil dawk li kienu fil-Formazzjoni tal-Bidu fit-triqthom lejn is-saċerdozju. Spiss kien ikellimhom fuq it-tbatijiet tal-Erwieħ tal-Purgatorju u fid-dmir Nisrani li ngħinuhom bit-talb, l-aktar bil-quddiesa, b'xi ċaħdiet żgħar, u bl-għemejjel tajba. Biex iħeġġiġhom jagħmlu dan, kien spiss jaqsam magħhom l-esperjenzi tiegħu mal-Erwieħ li kienu jfittxu t-talb tiegħu.

Fit-30 ta' Diċembru, 1937, waqt li l-Patrijiet kienu miġbura jitolbu flimkien, Patri Piju qalilhom biex jitolbu għall-Provinċjal tagħhom, Patri Bernard Apicella, għax kien ġie mnebbaħ li kien qiegħed imut. L-għada rċevew l-aħbar li kien miet.

Għalhekk, kif kien isir dak iż-żmien, meta kien imut il-Ministru Provinċjal, kull wieħed mill-Aħwa saċerdoti kien iqaddes tliet quddisiet b'suffraġju għalih.

Darba waħda, tard billejl, Padre Pio kien għadu kemm spiċċa jitlob, u kien sejjer il-kamra tiegħu jistrieħ dik is-siegħa jew tnejn tas-soltu. Qabel ħareġ mill-kor, resaq lejn il-ġelosija biex jagħti l-aħħar tislija lil Ġesù fis-Sagrament tal-Altar. Dak il-ħin stess jara ċar daqs il-kristall, lill-mejjet Padre Bernardo għaddej mill-altar lejn is-sagristija. Din il-ħaġa ġrat tliet darbiet wara xulxin.

Meta Padre Pio għarraf b'dan lil Padre Raffaele, dan qallu: "Għandu mnejn li Padre Bernardo deherlek biex jirringrazzjak tat-talb tiegħek, u biex jgħinek tifhem li

kellu bżonn iktar talb biex jinħeles mill-Purgatorju."

Il-Papa Piju XII kien miet f'Castel Gandolfo, ir-residenza tas-sajf tal-Papa nhar id-9 t'Ottubru, 1958. Dakinhar stess, Patri Piju kien qal lil wieħed Patri: "Piju XII qiegħed il-Ġenna. Rajtu waqt li kont inqaddes."

Lil waħda mill-ulied spiritwali tiegħu, Cleonice Morcaldi, xahar wara l-mewt t'ommha, qalilha: "Dalgħodu, ommok marret il-Ġenna. Rajtha sejra waqt li kont inqaddes."

Ġara li l-erwieħ, min-naħa tagħhom, meta kienu jaqilgħu l-grazzja li jgħaddu mill-Purgatorju għall-Ġenna, mhux l-ewwel darba li kienu jmorru l-kunvent biex jirringrazzjawh.

Darba billejl, fis-sena 1944, il-patrijiet semgħu ħafna ilħna jgħajtu minn isfel: "Viva Patri Piju". Il-patri Gwardjan, Patri Raffaele minn Sant'Elija a Pianisi qal lil Fra Ġerardu li kien joqgħod mal-bieb tal-kunvent, biex jinżel isfel u jibgħat 'il barra lil dawk in-nies li kienu qegħdin jagħmlu dak l-istorbju kollu, u jagħlaq il-bieb sewwa. Il-Fra niżel isfel imma ma sab lil ħadd, u l-bieb kien imsakkar sew, kif għandu jkun. Il-Gwardjan mar jistaqsi lil Patri Piju jekk kienx jaf xi ħaġa. "Iva, dawk kienu suldati li mietu fuq il-kamp tal-battalja, u ġew jirringrazzjawni tas-salvazzjoni tagħhom."

Wieħed mill-patrijiet jixhed li darba kienu mal-mejda jieklu meta ħin bla waqt Padre Pio qam minn mal-mejda u telaq 'il barra lejn il-bieb ta' barra tal-kunvent. Fetħu u deher li qiegħed jitkellem ma' xi ħadd.

Iż-żewġ patrijiet li marru warajh ma raw lil ħadd u ħasbu li seta' ġara xi ħaġa lil Patri Piju. Hu qalilhom li ma kellhomx għax jikkonfondu, u li dawk kienu xi erwieħ mill-Purgatorju fi triqthom lejn il-Ġenna, li kienu marru jirringrazzjawh li kien ftakar fihom fil-Quddiesa li kien qaddes iktar kmieni dakinhar.

Tajjeb ngħidu li l-Erwieħ tal-Purgatorju huma fi stat ta' grazzja. Huma żguri mis-salvazzjoni tagħhom. Il-qawmien għall-Ħajja ta' Dejjem fl-Aħħar Jum ser iseħħ żgur għalihom. Imma aħna rridu noqogħdu attenti biex mhux għax huma ser isalvaw, nitolbu għalihom l-ewwel ftit ġranet wara mewthom, inkella fl-anniversarju tal-mewt tagħhom, u f'okkażjonijiet oħra, u barra bid-daqq! Mhux biss m'għandniex nabbandunawhom, imma għandna nżommu dejjem quddiem għajnejna t-tbatija tagħhom u nitolbu għalihom.

Dan nagħmluh bħala turija tal-għejxien tal-Fidi tagħna fix-Xirka tal-Qaddisin. L-Erwieħ tal-mejtin tagħna għandhom bżonn tal-karità tagħna. Meta, imbagħad, ikunu ħielsa għalkollox, aħna nkunu minn dawk li ngawdu mill-interċessjoni tat-talb tagħhom quddiem Ġesù.

Għalhekk, jekk aħna rridu nkunu devoti ta' veru tal-Qaddis tal-Pjagi għandna nagħmlu bħalu, nitolbu aħna u nqabbdu lil min jitlob għall-erwieħ tal-mejtin għeżież tagħna.



> "Dalgħodu, ommok marret il-Ġenna. Rajtha sejra waqt li kont inqaddes."





SEHEM IL-LAJĊI FIL-KNISJA (5) Jude Muscat

# Mur irrestawra L-KNISJA TIEGĦI

## "Mhux Kull Min Jgħidli Mulej, Mulej ..."

*Mat 7:21*

Waqt diskussjoni, waħda mara, omm ta' tifla żgħira, qalet li kienet tibża' titlob lil Alla biex isseħħ magħha r-rieda tiegħu. Kellha biża' li Alla jitlobha biex tagħtih lit-tifla. It-talba tal-Missierna kienet saret għaliha talba tat-twerwir u meta tasal biex tlissen il-kelmiet "ikun li trid int" flokhom kienet tgħid "teħodlix it-tifla".

Sal-"Mulej, Mulej" kienet tasal bla tfixkil, imma għar-rieda tal-Missier kienet taqta' nifisha. Bħal din il-mara jista' jkun hawn ħafna persuni. Mhux neċessarjament fl-istess sitwazzjoni, imma b'rabtiet oħra li ma jħalluhomx ħielsa li jwettqu tassew ir-rieda tal-Missier. L-agħar ħaġa tkun li ħafna ma jkunux konxji ta' dawn ir-rabtiet għax isiru parti mir-rutina ta' ħajjithom. Jidhirli jien li hawn qiegħed il-periklu: li nidħlu f'rutina ta' ħidmiet mingħajr riflessjoni xierqa u sfida qawwija f'ħajjitna permezz tal-Kelma ta' Alla.

### IL-BŻONN TA' DRAWWIET

Fiha nnifisha, ir-rutina mhux ħażina għax trawwem fina drawwiet tajba. Aħna m'aħniex imsejħin biex ngħixu mingħajr ordni, anzi għall-kuntrarju, hemm bżonn ċerta ordni fil-ħajja tagħna. Id-drawwiet fihom infushom irabbu relazzjoni bejn dak li aħna u dak li rridu nilħqu. Id-drawwa meta tkun ordnata biex tgħinna nimxu fit-triq tal-mira tagħna hija ħaġa tajba immens. Meta persuna tkun miexja lejn destinazzjoni mingħajr tfixkil, ma jkollhiex bżonn ta' drawwiet li jrawmuha. Ferrovija miexja fuq il-linji m'għandhiex bżonn tmun, għax id-destinizzjoni tagħha hija rregolata mil-linji: m'hemmx għażliet oħra. Fejn hemm aktar minn għażla waħda, allura d-drawwiet isiru tmun imporanti biex jgħinuna naslu fid-destinazzjoni aħħarija tagħna.

Imma rridu nżommu f'moħħna li ċ-ċirkostanzi jinbidlu skont iż-żminijiet li nkunu fihom. Id-dinja u s-soċjetà ma jibqgħux l-istess. Fi żmienna l-bidla hi tant mgħaġġla li kultant lanqas nindunaw li qed isseħħ madwarna. Ir-rutina tista' ddaħħalna ġo qoxra ta' żmien u tagħmina. Ma tħalliniex nindunaw bit-tibdiliet u naħsbu li kollox għadu l-istess, u allura f'moħħna kollox jibqa' l-istess. Huwa tassew importanti li anke d-drawwiet tajba jeħtiġilhom ikunu miflija, biex aħna nkunu ċerti li għadhom konformi mad-destinazzjoni. Ir-rutina, jew id-drawwiet m'għandhom qatt isiru *straightjacket* li joħonquna milli niskopru toroq ġodda u mogħdijiet ġodda kif nimxu mal-Ispirtu tal-Mulej.

## ĠESÙ L-IBEN UBBIDJENTI

Ġesù, kien impenjat li jagħmel ir-rieda tal-Missier. Lill-appostli qalilhom: "L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni ..." (Ġw 4:34). L-ikel huwa dak li jsostni lill-bniedem naturali. Il-bżonn li bniedem jiekol isir drawwa li tgħinu jimxi lejn id-destinazzjoni fiżika u materjali tiegħu, jiġifieri li jikber, jissaħħaħ, jimmatura u jsir ħolqa utli fis-soċjetà li jagħmel parti minnha. Ir-rieda tal-Missier issir għal Ġesù mod ta' għejxien, hija l-motivazzjoni wara kull azzjoni tiegħu. Fil-Vanġelu skont San Mattew il-missjoni ta' Ġesù tista' tgħid hija ubbidjenza attiva. Mhux faċli nifhmuh dan! La l-appostli ma fehmuh u lanqas il-mara Samaritana meta qalilha li hu jagħtiha "ilma ħaj". (Ġw 4:10) Bħala bniedem Ġesù kellu kontinwament jissottometti lilu nnifsu għar-rieda tal-Missier. Kultant kellha tkun taqbida, bħalma naraw fil-ġnien tal-Ġetsemani.



Meta nħarsu lejn il-minsiteru ta' Ġesù kif insibuh fil-Vanġeli, naraw li kellu diversi drawwiet tajbin, bħal meta kien imur fit-tempju, meta kien jitla' għall-festi, u meta kien imur jitlob waħdu. Dawn kienu kollha drawwiet sbieħ u tajbin. Imma nafu li dawn l-istess drawwiet m'għalqulhx bejn il-ħitan tat-tempju, imma ħarġuh 'il barra biex ifejjaq u jsejjaħ in-nagħaġ il-mitlufa. Naraw kif f'ubbidjenza sħiħa għar-rieda tal-Missier kien ipoġġi lilu nnifsu f'konflitt mat-tradizzjonijiet ta' żmienu, bħal meta kien ifejjaq f'jum is-Sibt (ara Mk 3:2; Lq 6:7; 13:14; Ġw 5:16; 7:22). L-objettiv priniċipali ta' Ġesù kien li jagħmel ir-rieda ta' Missieru, id-drawwiet għalih kienu mezz importanti li jwassluh għal dan.



## IL-BIDLA RADIKALI

Hawn hu forsi fejn aħna għandna bżonn bidla radikali: fl-objettiv tagħna, jiġifieri l-għan għalfejn qed nagħmlu dak li nagħmlu. Nisimgħu diversi raġunijiet għalfejn persuna tagħmel xi ħdima. Hawn min jgħid li jagħmlu għax iħobb, jew għax irid jibni l-Knsija, jew għax irid jevanġelizza, jew għax irid jagħti servizz, jew għax irid isalva. Jista' jkun hemm aktar raġunijiet, li fihom infushom mhux ħżiena, imma l-objettiv ta' kull mgħammed għandu jkun ir-rieda tal-Missier. "Għax kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet, dak huwa ħija, u oħti, u ommi." (Mat 12:50) Il-magħmudija tina dinjità tal-għaġeb li nsiru ulied il-Misseir Alla, fi Kristu permezz tal-Ispirtu Qaddis.

Jekk persuna trid tibni l-Knisja, li hi l-Ġisem ta' Kristu, m'hemmx triq oħra ħlief li l-ikel tagħha jsir ir-rieda tal-Missier.



 Joseph C. Camilleri

# SAN MARTIN QADDIS
## b'rabtiet kbar mal-Folklor Malti

Skont il-kalendarju tal-knisja l-festa ta' San Martin, Isqof ta' Tours, tiġi ċċelebrata fil-11 ta' Novembru. Dan il-qaddis twieled għall-ħabta tas-sena 316. Il-ġenituri tiegħu kienu pagani. Għall-ewwel hu daħal suldat biex iwettaq ix-xewqa ta' missieru. Hawn ġibed l-ammirazzjoni ta' kulħadd u sar magħruf għall-qalb tajba li kellu. Sar magħruf għall-ħniena speċjalment mal-fqar. Il-ġrajja tal-mantell żiedet il-fama tiegħu. F'din il-ġrajja Martin ta nofs il-mantell lil wieħed xwejjaħ li ma kellux biex jissaħħan. Meta kellu madwar 20 sena kien għalaqlu ż-żmien tal-ingaġġ militari. Kien żmien meta hu beda jitgħallem id-duttrina Nisranija. Tgħammed u sar qassis. Fl-aħħar spiċċa isqof, Isqof ta' Tours. F'dan il-post hu kien maħbub mhux biss mill-Insara iżda mill-pagani wkoll.

### F'MALTA

Id-devozzjoni lejn San Martin ta' Tours kienet kbira fost il-poplu Malti. Tant li nsibu żewġ knejjes żgħar iddedikati lilu. Waħda minnhom tinsab fil-Baħrija u t-tieni waħda tinsab fl-inħawi magħrufa bħala ta' San Martin. Dawn l-inħawi huma parti mill-Imġarr. Fl-aħħar knisja għall-festa ta' San Martin kienet issir festa tradizzjonali, qisha l-Imnarja. Kien ikun hemm it-tlielaq tal-bhejjem kif ukoll il-logħob tan-nar u għana. In-nies kienet tinġabar għal dawn l-attivitajiet. In-naħa l-oħra fil-knisja tal-Baħrija n-nies kienet ukoll tinġabar għall-festa ta' San Martin. Hawn kienet u għadha ssir il-fiera tad-dundjani. Illum fil-Baħrija hemm kappella żgħira, kappella antika u knisja ġdida.

### IL-FOLKLOR

Il-folklor Malti hu sinjur meta jsemmi lil San Martin ta' Tours. Fis-sena 1620 fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta ġiet imwaqqfa fratellanza. Il-fratelli kienu tvernara jiġifieri nies li kellhom xi ristorant jew kienu kokijiet. Din il-fratellanza kienet iddedikata lil San Martin. Dawn il-fratelli kienu jilbsu muzzetta blu skur u labtu. Għalhekk mal-ilsien Maltin daħal San Martin. Jekk kienu jaraw wieħed li kien xorob xi ftit iżżejjed kienu jgħidu: Qisek fratell ta' San Martin. Billi San Martin kien iġib miegħu l-inbid ġdid u ħafna ikel kienu jawguraw lil xulxin: "Sammar tintek tajjeb" jew "San Martinek tajjeb".

### QABEL L-AVVENT

Kien hemm drawwa fost il-Maltin, li qabel il-festa tal-Milied kienu jsumu. Dan kien isir matul l-Avvent u għalhekk il-Maltin kienu



jaraw il-festa ta' San Martin ta' Tours bħala xalata għaż-żaqq. Daħlu għal xi żmien il-frott tal-pastarjali għal din il-festa. Daħlu wkoll il-lewż, ġewż, qastan, tin. Daħlet il-ħobża ta' San Martin, flimkien mat-tin taċ-ċappa. Daħlu wkoll il-frott bħal laringa, tuffieħa u r-rummiena. Daħlet id-drawwa li wieħed jagħti xi karità jew rigal għall-festa ta' San Martin. Tant il-Malti kiber fit-taqbiliet bil-ħila ta' San Martin. Waħda minn dawn it-taqbiliet tgħid: "Lewż, gewż, qastan, tin, kemm inħobbu 'l San Martin." Taqbila oħra tgħid: "San Martin tal-ġewż u tat-tin." Hemm taqbila oħra marbuta ma' San Martin u l-ikel li tgħid: "Għal San Martin inkissruh, għall-Milied inqassmuh."

San Martin hu s-simbolu tal-karità u għalhekk daħlet il-borża taċ-ċarruta li tingħata lit-tfal. Din kienet tkun mimlija bil-barka t'Alla. Kien ikun hemm lewż, ġewż, qastan, tin taċ-ċappa, xi larinġa u tuffieħa kif ukoll ħbejża bil-kosbor li ħafna kienu jsejħulha Banozzu. Din il-borża kienet tingħalaq billi tiġbed it-truf ta' kurdiċella. L-aktar ħaġa importanti kienet il-ħobża ta' San Martin. Din kien ikollha xi ħaġa fil-qalba tagħha. Ġieli kienet tkun xi ħelwa jew xi tamla. Ġieli kienu jpoġġu xi lewża jew xi ħelwa tas-sugu.

Il-borża ma kinitx tingħata lit-tfal Għawdxin. Għall-ewwel din kienet popolari fost il-poplu Malti iżda maż-żmien il-popolarità tagħha bdiet nieżla. L-iskejjel jorganizzaw attività għall-festa ta' San Martin. Ikun hemm lotterija għall-isbaħ borża. Għalhekk, grazzi għall-iskejjel il-borża ma mititx qalb il-poplu Malti.

## IS-SUBIEN

Is-subien kienu jieħdu pjaċir l-aktar bil-borża ta' San Martin. Huma kienu jieklu t-tin, il-ħbejża, it-tuffieħa u l-larinġa kif ukoll ir-rummiena. Imma kienu jerfgħu l-lewż, il-ġellewż u l-ġewż biex jilagħbu bihom bħalma jilagħbu bil-boċċi. Mhux ta' xejn is-subien kienu jgħidu: "Lewż, ġewż, qastan, tin, kemm inħobbu 'l San Martin."

## L-INBID

L-aktar ħaġa marbuta ma' San Martin ta' Tours hu l-inbid. Fl-imgħoddi l-inbid kien ferm popolari man-nies. Għad-dilettanti tal-inbid dan kien jum speċjali minħabba li f'dan il-jum kien jiżżanżan l-inbid il-ġdid. Dan kien jinżel aktar tajjeb wara xi lewża jew tnejn. Kien hemm drawwa fost il-klijenti ta' dawn il-ħwienet li min isib lewża b'żewġt iqlub kien ikollu jħallas mhux biss il-lewż iżda l-inbid ukoll.

Ir-rabta tal-inbid ma' San Martin ta' Tours bdiet permezz ta' leġġenda. Darba waħda l-imperatur kien stieden għall-ikel lil Martin kif ukoll qassis. Hu talab lil Martin biex iqassam l-inbid. Dan minflok offra l-ewwel tazza lill-imperatur offrieha lill-qassis. L-iskop kien għaliex għal Alla l-qassis hu l-akbar imperatur.

## TEMP SABIĦ

San Martin hu marbut ukoll ma' temp sabiħ. Ġeneralment f'dan iż-żmien jagħmel temp qisu s-sajf tant li l-Maltin għandhom idjoma li tgħid: "Is-sajf ta' San Martin".





It-Tieni Parti

# Tifkira ta' Fr Paul Baron OFMCap 1925-2012



## MISSJUNARJU FL-AWSTRALJA

Wara erba' snin f'dan l-appostolat mal-morda fl-Italja, jiġifieri, f'Lulju 1963, P. Pawl kellu talba oħra mill-Ministru Provinċjal sabiex imur l-Awstralja sabiex jaħdem bħala Kappillan tal-emigranti Maltin. Fit-28 ta' Ottubru 1963, huwa kien fuq titjira *chartered* flimkien ma' madwar 120 emigrant Malti fi triqthom lejn Sydney, l-Awstralja.

Diffiċli titkellem fuq id-29 sena li P. Pawl qatta' fl-Awstralja. Hemmhekk huwa ħadem qatigħ b'risq l-emigranti Maltin u tant persuni oħra. L-ewwel ħidma fl-Awstralja, P. Pawl wettaqha f'Leichhardt fejn dam xahrejn sakemm ġie mitlub imur fi Plumpton biex jieħu ħsieb il-Maltin tal-*Western Suburbs*.

Fl-ewwel sena li kien ilu hemm, P. Pawl kien diġà żar bosta familji Maltin li kienu jinsabu ġo Sydney u fis-subborgi tagħha. Waħda mill-ewwel affarijiet li għamel kien li ġabar informazzjoni li serviet biex sar ċensiment tal-komunità Maltija. Il-Maltin tħajru jwaqqfu għaqda flimkien miegħu bħala *chaplain* tagħhom. Dan seħħ f'Ottubru tal-1964 meta twaqqfet *The Maltese Community Western Suburbs Association,* kif saret magħrufa, li maż-żmien ħadet ċertu saħħa anke fl-ambjent ċivili, speċjalment li tgħin tintegra l-komunità. P. Pawl kien il-mutur wara din l-Assoċjazzjoni hekk kif f'April 1968 inxtrat biċċa art f'Doonside, Blacktown, belt fi NSW fejn jgħixu l-ikbar numru ta' Maltin. Ftit wara nfetaħ Ċentru f'dar tal-injam mibnija fuq din l-art li kienet inxtrat.

Wara żmien ta' taħbit u diffikultà, fl-1976, P. Pawl flimkien mal-Kumitat ta' din l-Assoċjazzjoni, iddeċidew li jħallu din l-art u xtraw proprjetà oħra f'Walters Road, Blacktown. Hemmhekk P. Pawl ħadem ħafna bil-għajnuna ta' Maltin oħra, sabiex bnew *chaplaincy, community hall* u kappella. Rigward l-isem għal dan iċ-Ċentru twarrab għalkollox dak ta' qabel u ġie mniedi wieħed ġdid: *La Valette Social-Religious Centre.*

Fl-1995, P. Pawl laqa' f'dan l-istess Ċentru lil Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex waqt żjara li dan għamel lill-emigranti Maltin fl-Awstralja. F'din l-istess okkażjoni, kienet saret 'Lejla ta' Tifkira' li għaliha attendew fost l-oħrajn Mons. Cauchi u l-Ministru Provinċjal, Fr Philip Cutajar li kien fl-Awstralja għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-50 Sena ta' preżenza Kapuċċina fl-Awstralja. Dakinhar, bħala rikonoxximent tal-ħidma ġeneruża li P. Paul Baron wettaq mal-Maltin matul il-preżenza ta' 29 sena fl-Awstralja, is-Sala ewlenija ta' dan iċ-Ċentru ġiet iddedikata propjru lil P. Pawl bl-isem 'Sala Patri Pawl Baron, Fundatur taċ-Ċentru'.

Bosta kienu l-attivitajiet soċjali u reliġjużi li P. Pawl organizza f'dan iċ-Ċentru. P. Pawl, iżda, ma kienx kuntent li l-proġett kbir ta' dan iċ-Ċentru jieqaf hawn. Huwa kien konxju ta' dawk l-emigranti li kienu qed jikbru fl-età. Dawn kellhom bżonn ta' aktar attenzjoni. Għalhekk, huwa twebbel biex

tinbena dar tal-anzjani biswit *La Valette.* Hu rsista ħafna ma' Madre Erminia Gauci OP, il-Madre tas-Sorijiet Dumnikani, biex tidħol għal dan il-proġett, sakemm il-post tlesta, u tbierek fl-1986.

Fl-20 ta' Ġunju tal-1990, dan il-Kapuċċin Malti ħalla ċ-Ċentru Malti *La Vallette,* fejn kien ilu jservi bħala kappillan tal-Maltin emigranti għal aktar minn għoxrin sena, u ngħaqad mal-fraternità tal-Kapuċċini ta' Plumpton.

Fil-21 ta' Diċembru 1991, P. Pawl ingħata dak li hu magħruf bħala *Maltese Community Service Award* kif ukoll Ċertifikat bħala Ċittadin Awstraljan. Fl-istess sena, P. Pawl kien wieħed mit-tlettax-il anzjan Maltin li ġew mogħtija għarfien xieraq mill-komunità Maltija f'NSW tul is-sena 1991 għax-xogħol fejjiedi tagħhom fost ħuthom l-emigranti.

Minn Plumpton, P. Pawl għadda l-aħħar żmien tiegħu fl-Awstralja f'Leichhardt. Huwa mbagħad ħalla l-Awstralja hekk kif kien qed jiċċelebra l-40 Sena mill-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu, jiġifieri, fit-18 ta' Marzu 1992, fl-età ta' 67 sena. Imma din ma kinetx l-aħħar 'addio' lill-Awstralja għaliex wara erbatax-il sena li kien ilu nieqes, jiġifieri, f'Ottubru tal-2004, huwa ġie mistieden biex ikun preżenti għaċ-ċelebrazzjonijiet li l-komunità Maltija fl-Awstralja kienet ser tiċċelebra f'għeluq l-40 sena mit-twaqqif taċ-Ċentru *La Valette.*

Għal din l-okkażjoni, fil-15 t'Ottubru 2004, sar riċeviment *ad unur* ta' dan Huna li għalih ġew mistednin il-kapijiet tal-għaqdiet kollha Maltin u oħrajn fl-Awstralja flimkien mal-Kummissarju Għoli għal Malta. L-għada, imbagħad, P. Pawl mexxa quddiesa kkonċelebrata li fiha għamel diskors twil li fih ta dettalji fuq l-istorja ta' dan iċ-Ċentru. Imbagħad, P. Pawl kixef u bierek momunet li nbena f'dan l-istess Ċentru. Dan il-monument iġib fuqu x-xbieha ta' P. Paul imdawwar mill-emblemi tal-Kunsilli Lokali ta' Malta.















# Wara s-Sinodu tal-Familja

**"AHNA ŻRAJNA U NKOMPLU NIŻIRGHU BIS-SABAR U L-PERSEVERANZA, B'ĊERTEZZA LI HU L-MULEJ LI JKABBAR DAK KOLLU LI ŻRAJNA" (ARA I KOR. 3,6)**

**B'dawn il-kelmiet il-Papa ġabar fil-qosor il-ħidma kollha tas-Sinodu Straordinarju tal-Familja. Hekk stqarr fl-omelija nhar il-Ħadd 19 t'Ottubru, meta waqt li xandar lill-Papa Pawlu VI "Beatu", Papa Franġisku rrefera għax-xogħol kollu tas-Sinodu tul l-ewwel ġimagħtejn t'Ottubru. Hekk issa beda t-tieni pass tal-mixja għas-Sinodu tas-sena d-dieħla. Is-Sibt 18 t'Ottubru, il-Papa tkellem dwar il-Knisja *"qaddejja li ma tibżax u li għandha l-bibien tagħha miftuħa beraħ."* Huwa tkellem ukoll dwar diversi ferħat, grazzji, esperjenzi, tensjonijiet u tentazzjonijiet li għaddiet minnhom il-Knisja f'dawn il-laqgħat. Imma Papa Franġisku fakkar ukoll li l-Knisja *"hija l-ħarries mhux il-patruna"* tat-tagħlim ta' Ġesù. *"Il-Knisja m'għandhiex tibża' xxammar biex tferra' ż-żejt u l-inbid fuq il-feriti tal-bniedem ... li trid tmur tfittex dawk li ntilfu."***

Kliem qawwi ħafna l-aktar wara, u flimkien, ma' dak kollu li smajna u qrajna fix-xhur u l-ġimgħat ta' qabel. Inkiteb minn kollox anke waqt il-ġimagħtejn tad-diskussjoni bejn il-kważi mitejn isqof li ħadu sehem. Kienet diskussjoni kif riedha Papa Franġisku, miftuħa għalkollox, li turi kif il-poplu Nisrani qed iħoss l-għajxien tal-familja, it-trobbija tat-tfal, it-trażmissjoni tal-fidi, xi jħossu l-istess ulied li jkunu qed jgħixu f'familji bi problemi, kbar u żgħar. Instemgħu ħafna, kif hu xieraq, il-weġgħat ta' dawk il-koppji li għaddejjin minn maltemp; l-eżempju jgħajjat ta' dawk li fost tant diffikultajiet, minn ġewwa u minn barra, qed jagħmlu hilithom kollha biex jibqgħu fidili fl-imħabba dejjiema anke meta forsi ndarbu fit-triq. Fuq kollox dehru jiddu bħal kwiekeb fil-firmament tal-familja dawk l-eżempji sbieħ ta' koppji u familji sħaħ, imdawrin ukoll bl-imħabba u l-kura, bl-attenzjoni u bl-għajnuna tan-nanniet, li huma eżempju sabiħ ħafna ta' min jinkuraġġihom; jeħtieġ li dawn jiġu murija b'mod speċjali lill-koppji żgħażagħ u lill-istess żgħażagħ li jixtiequ jkollhom familja sabiħa f'kull sens u jgħixu s-sejħa tagħhom Nisranija fil-familja.

Il-Knisja turi tassew li hija Omm ħanina, Omm li tisma', Omm li jinteressaha forsi aktar milli jaħsbu xi wħud! Ċerti interventi ta' isqfijiet jew saħansitra kardinali li trabbew f'familji b'diffikultajiet qanqlu lil bosta. Dan mhux biss fis-Sinodu imma anke 'l barra minnu. Ta' min isemmi fost l-oħrajn id-diskors sabiħ tal-Kardinal Christoph Schönborn, l-Arċisqof ta' Vjenna, fl-Awstrija, li għadda żgħożitu wara li kellu 13-il sena jadatta ruħu mad-divorzju tal-ġenituri tiegħu. Id-diskors tiegħu, intqal, li laqat lil bosta. Fuq kollox meta fakkar lil kulħadd, kemm ġewwa s-Sinodu kif ukoll barra minnu, li mal-problemi tal-familji, koppji, u sitwazzjonijiet diffiċli li qed inħabbtu wiċċna magħhom illum, irridu kontinwament niftakru fit-tfal, fl-ulied, kbar u żgħar, li huma wkoll jieħdu sehem, illum jew għada, kmieni jew tard, f'dak kollu li jkunu għaddejjin jew għaddew minnu l-ġenituri.

Issa li l-ewwel sessjoni tas-Sinodu ntemmet is-Sibt 18 ta' Ottubru, l-Isqfijiet bagħtu messaġġ sabiħ u pożittiv ħafna lill-familji kollha: *"Aħna l-Isqfijiet miġburin flimkien mal-Papa, insellmu lill-familji kollha fid-diversi kontinenti b'mod speċjali lil dawk li jimxu wara Kristu, it-Triq, is-Sewwa u l-Hajja. Nuru l-ammirazzjoni u r-radd il-ħajr tagħna għax-xhieda ta' kuljum li tagħtu lilna u lid-dinja bil-fedeltà tagħhom, bil-fidi, it-tama u l-imħabba tagħhom."*

Il-messaġġ ikompli jistqarr li, permezz tar-risposti tal-kwestjonarju li kien intbagħat lill-familji kollha u li ħafna wieġbu, l-Isqfijiet ġew f'kuntatt ma' familji b'tant stejjer u sfondi

differenti. L-istess diskussjonijiet fis-sinodu "għenuna nħarsu lejn ir-realtà kollha mimlija ħajja, ukoll jekk komplessa, li fiha l-familji qegħdin jgħixu." L-isqfijiet itennu kliem l-Iskrittura u jistħajluh fuq fomm Ġesù nnifsu li qed jgħid lill-familji kollha, bħalma kien jagħmel ma' kulħadd meta kien ħaj: *"Ara, jien fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jiena nidħol għandu, u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi."* (Apok 3, 20) Quddiem diffikultajiet ta' infedeltà, nuqqas ta' fidi u tal-valuri, l-individwaliżmu, meta r-relazzjonijiet tajba jibdew ibatu, l-istess il-ħajja mgħaġġla, in-nuqqas ta' maħfra reċiproka, u l-biża' mis-sagrifiċċju, meta jidħlu relazzjonijiet ġodda, żwieġ ġdid, għaqdiet ġodda "komplessi u problematiċi" u tant qagħdiet diffiċli oħrajn; quddiem il-faqar, nuqqas ta' xogħol, vjolenza u tant sitwazzjonijiet differenti. Quddiem dan u aktar, l-Isqfijiet jiftakru u jfakkru li *"Kristu ried il-Knisja tiegħu tkun dar u bieb dejjem miftuħ biex tilqa' u ma twarrab lil ħadd. Aħna grati lejn dawk ir-rgħajja, l-Insara u l-komunitajiet li huma pronti jakkumpanjaw u jerfgħu l-piż tat-tbatijiet interjuri u soċjali tal-koppji u tal-familji."*

Imbagħad l-isqfijiet iħeġġu ħafna għall-ħtieġa ta' tħejjija tajba li għandha twassal għall-milja tas-sagrament taż-żwieġ *"meta Alla jqiegħed is-siġill tiegħu, il-preżenza tiegħu u l-grazzja tiegħu."* Huwa meta nifhmu l-ħtieġa ta' dawn li l-imħabba bejn il-miżżewġin tista' tibqa' waħda li ma tinħallx, tibqa' waħda minkejja l-ħafna diffikultajiet tal-limitazzjonijiet umani; dan huwa wieħed mill-isbaħ mirakli, ukoll jekk huwa l-iktar komuni għax jidher f'ħafna.

Hija ħaġa sabiħa li wieħed jaħseb fuq il-problemi tal-familja; dawn huma realtà tassew! Imma ma rridux ninsew, jgħidu l-isqfijiet f'dan il-messaġġ, li l-koppja li tiskopri l-fidi f'ħajja tajba mibnija fuq l-Evanġelju, tkun qed turi t-triq lil kulħadd, l-aktar liż-żgħażagħ. Tkun b'hekk dawl għall-istess komunità Nisranija. *"Hekk, aħna l-Isqfijiet, f'dan l-ewwel pass tal-mixja tagħna Sinodali, irriflettejna fuq l-akkumpanjament pastorali u d-dħul għas-sagramenti lid-divorzjati li reġgħu żżewġu."* Għalhekk fl-aħħar nett, l-Isqfijiet jitolbu lill-koppji kollha u lill-Insara kollha jkomplu dil-mixja flimkien għat-tieni parti tas-Sinodu f'Ottubru 2015; u dan inwettquh bil-għajnuna tal-Familja ta' Nażaret flimkien ma' Ġesù, Ġużeppi u Marija. U fl-aħħar nett jipproponu din it-talba li nħeġġu lil kulħadd jgħidha minn issa:

**Missier, agħti lill-familji kollha l-preżenza ta' ġenituri qawwija u għaqlin li jistgħu jkunu għajn ta' familja ħielsa u magħquda.**
**Missier, agħmel li l-ġenituri jkollhom dar li fiha jgħixu fis-sliem mal-familji tagħhom.**
**Missier, agħti lill-ulied li jkunu sinjal ta' fiduċja u ta' tama; agħti liż-żgħażagħ il-kuraġġ tal-impenn li jkun mibni fuq l-istabbiltà u l-fedeltà.**
**Missier, agħti lil kulħadd ikun jista' jaqla' ħobżu b'idejh, li jiggosta s-serenità tal-ispirtu u li jżomm ħajja l-fjamma tal-fidi anke fiż-żminijiet ta' dlam.**
**Missier, agħti lilna lkoll li naraw Knisja li tikber aktar fil-fedeltà u li tkun aktar titwemmen; agħti dinja aktar ġusta u umana, dinja li tħobb il-verità, il-ġustizzja u l-ħniena.**





GI.FRA Simon Peter Gatt

# ID-DJALOGU TAL-ĦAJJA NISRANIJA

Darba kien hemm tifel u saqsa lil zijuh li kien qassis,

**"Zi, x'inhi r-reliġjon għalik?"**

**"Ir-reliġjon hija t-tiftix għal dak li ma tafx u dak li ma tafx għandu wkoll oriġini."**

Minn fejn jiġi dan? Tassew li dan iqanqal faxxinu kif ukoll biża'. Qabel in-nies, fosthom il-Griegi u r-Rumani kienu jemmnu li kien hemm diversi allat. Ngħidu aħna kien hemm Zeus l-alla fuq l-allat Griegi. Dawn kellhom personalità kif ukoll storja ta' x'għamlu u x'ma għamlux u r-relazzjoni tagħhom bejniethom u mal-poplu Grieg u Ruman kif ukoll man-natura li jaffettwa wkoll l-interazzjoni tan-nies man-natura.

Aħna l-Insara fost reliġjonijiet oħra nemmnu f'Alla wieħed. Missier Ġesù, Ġesù u l-Ispirtu s- Santu huma familja waħda. Il-ħajja hija dwarna imma lil Alla kemm infittxuh? Importanti li nagħmlu dak li hu mistenni minna li nagħmlu l-ħolm tagħna verità imma Alla parti mill-verità u r-realtà tal-ħajja tagħna. Jekk ma tfittixx ma ssibx u ma tistax tgħid li taf min hu Alla jekk qatt ma saqsejt u fittixtx dwaru. Biex issib lil Alla hemm l-Iskrittura mnebbħa minnu stess miktuba permezz ta' awturi sekondarji. Hemm is-sagramenti li jagħtuna rwol fil-knisja u niskopru lil Alla f'dimensjoni ġdida u ħafna drabi s-sagramenti huma dawk l-għodda li jagħtuna s-saħħa sabiex nimxu fid-diffikultajiet fil-ħajja Nisranija pass pass mal-Knisja u Alla pass pass magħna. Hemm ukoll il-qassisin infushom li jagħtuna pariri u jservu ta' gwida. Hemm it-talb fis-skiet u l-ġabra fejn nitkellmu direttament m'Alla. Alla veru huwa kollox għalina?! Kollox għandu s-sabiħ tiegħu, jew jekk mhux wisq, forsi fil-funzjoni tiegħu utli ħafna.

L-istruttura tas-soċjetà moderna, attwali, tassew tindaga fuq il-verità tad-diversi forom ta' ħajja imma min qiegħed wara dan kollu qiegħed tassew ifittex il-ġid tal-bniedem komuni? Ejja għalhekk ma nagħmlux ix-xjenza alla tagħna, għax il-bniedem għandu bżonn mhux tal-fatti biss imma ta' relazzjoni u ta' mħabba li tiġbor magħha fidi f'dawk li tħobb u tama li tagħtina l-ħajja u vitalità.

Hija ħaġa naturali li lil Alla ma nfittxuhx daqshekk għax issa t-tweġibiet ittihom ix-xjenza u d-diversifikazzjoni f'dak li huwa teknoloġiku hija meravilja.

Imma kif qatt ma nixbgħu allura minn dan Alla li ħa noqogħdu miegħu għal dejjem ta' dejjem?

Għax Alla hu wkoll dak kollu li hu sabiħ u ħelu, Alla hu fejn qalbi u qalb kull bniedem issib il-mistrieħ. Alla hu kollox - il-bidu u t-tmiem, il-verità u l-ħajja. Int u jien xi triq ħa nieħdu jew aħjar x'se nagħżlu? X'attitudni ħa nieħdu ? Ħa nkunu umli?

Kulħadd huwa uman u għandu l-bażi naturali qawwija u għalhekk kulħadd midneb għax il-ġisem dgħajjef u jmur kontra l-ispirtu. Id-dnub ta' min huwa viżibbli u ta' min mhux daqshekk. Jew nammettu u ngħixu skont dak li hu, jew inkella ħa noqogħdu nilagħbu l-logħba ta' dak li jidher u dak li moħbi fejn l-inċertezza u l-ansjetà tagħmel tagħha. Alla jirrappreżenta t-tamiet kollha tagħna jirrappreżenta poter, imħabba, umanità u divinità. Imma jekk trid issir taf lil Alla trid titgħallem tiċċaħħad, tagħmel sagrifiċċji u tapprezza l-affarijiet sempliċi. Irridu nħobbu din il-familja li hu Alla. Membri differenti tal-familja tlieta li jagħmlu ħaġa waħda bi rwoli differenti u personalitajiet differenti. Eżistenza separata kompożizzjoni waħda. Il-missier huwa persuna li għal ibnu huwa xi ħaġa ta' barra minn hawn imħabba kbira differenti ħafna minn imħabbiet oħra għall-inqas meta tkun għadek żgħir żgur. Il-wild mixtieq mill-imħabba tiegħu u jkun irid jagħmlu tiegħu u jżommu miegħu. Għal ibnu jfisser wens u xi ħadd li suppost iħobbu ħafna. Xi ħaġa li tħares 'il fuq għaliha u l-wild ikun irid 'il fuq għaliha u l-wild ikun irid isir jixbhu iktar.

Il-ħolma tal-missier perfett qiegħda f'kulħadd u lejn il-missier persuna tħoss baħar ta' emozzjonijiet. Hu għandu importanza kbira fil-ħajja tal-bniedem. Għaliex ikun hawn dawn il-programmi fejn ikun hemm nies li lanqas jiftakru lil missierhom u wara deċenni jibqgħu jittamaw li jsibuh. Tista' taħdem fuq livell teoretiku imma trid tkun lest għall-futur; fik innifsek trid tkun sod mhux riġidu jew kollox jgħaddi. Il-bniedem iħoss. L-iben importanti għax nidentifikaw ruħna miegħu u għalhekk suppost nibnu ħajjitna fuq il-ħajja ta' Ġesù għax hu t-tifel perfett. Imbagħad hemm l-Ispirtu s Santu dak li jagħti l-ħajja lil kull relazzjoni u jagħtiha dimensjoni umana, it-twelid ta' Alla nnifsu u għalhekk jgħix għal dejjem għax Alla jgħix kull parti ta' ħajtu għal dejjem separatament kif ukoll f'daqqa. Għalhekk kif ħa nħarsu lejn il-ħin? Il-futur mhux tagħna il-preżent ngħixuh u nistgħu ngħożżu l-passat. Il-passat hu dak li hu; żgur f'idejna imma bih insiru aktar konxji tal-preżent u nifthu għajnejna għall-futur.

**"Imma zi kif se nibda issa li naf?"**
Fittex u ssib anke bejn dawn it-tnejn hemm xi ħaġa għall-moħħ, loġikament hemm it-tranżizzjoni, l-intermedju. Imma li tfittex jinvolvi sagrifiċċju u għalhekk tbatija. Imma għaliex? issaqsi. Għandi għalfejn inbati biex ninbidel? Imma s-sagrifiċċju jiswa jekk ma nottenix li nkun qed infittex? Imma jekk ma tibdiex ma tistax tasal qatt. Jekk ma ssibx li trid, suppost ma tkunx kuntent u tħallik b'ċertu aċidità lejn il-ħajja u jkollna aptit ninqatgħu għalina waħidna. Imma xorta tibqa' tfittex il-verità. Il-verità hija fenomenu ħaj, parti integrali mill-ħajja tagħna, l-għatx għall-verità ġej mill-ħajja nnifisha. Mill-ħajja jibda kollox u t-triq tal-ħajja twassalna għall-verità u l-verità ssir xi ħaġa ġdida fil-punt dejjiemi tagħha u tieħdok għall-ħajja oltre; li tpoġġilek ħafna triqat quddiemek, il-ħajja reali b'viżwali ħajja fejn il-verità ssir problema, u mhux, u m'hemmx iżjed daqshekk l-importanza, li tħoss jew li tqis. Ir-razzjonalità rridu nikkultivawha u mhux nitgħażżnu. Id-doni li naħlu jittieħdu għal dejjem.

**Talba**: Kun magħna għalhekk Mulej biex nagħrfu t-tajjeb u għinna nagħmluh bl-ikbar devozzjoni u mħabba lejk. Ommna Marija, ipproteġina inti għax aħna wliedek. Nitolbuk tkattar fina ż-żelu għal Ibnek Ġesù u l-Qalb Mqaddsa tiegħu, Omm safja u Omm verġni li għaraft tgħix ħajja ta' talb bħala offerta ħajja għal Alla l-imbierek. Għallimna s-sbuħija u l-qdusija tas-safa u l-ħniena. Quddiem Alla ħajti trid tkun waħda ta' ndiema u umiltà għall-ikbar glorja Tiegħu.



**40 SENA TA' PREŻENZA FIL-KENJA** Intervista minn Fr Philip Cutajar OFMCap



## Niltaqgħu ma'

# Patri Krispin Tabone OFMCap

## 20 Sena Ħajja Missjunarja fl-Afrika

**1. Kemm kont ilek missjunarju fil-Kenja u kif ħassejtek imsejjaħ biex tidħol għal din il-ħidma fil-Knisja?**
Domt fil-Kenja 15-il sena. Qabel kont għamilt ħames snin fl-Etjopja. Bejn l-Etjopia u l-Kenja għamilt disa' snin f'Malta. Kien proprju wara dawn id-9 snin f'Malta li mort il-Kenja u sibt li ġo Wajir ma kienx hemm patri preżenti u għamilt f'rasi li noffri lil Mons. Leo White mmur jien hemm.

**2. Matul dawn is-snin li għaddejt bħala missjunarju fil-Kenja x'kienu l-ħidmiet ta' evanġelizzazzjoni (kemm fuq livell pastorali kif ukoll soċjali) li wettaqt?**
Ġo Wajir sibt li kien hemm Knisja li kien bena l-mibki Patri Joseph Gauci fuq il-pjanta li kien għamel Patri Taddeo Schembri li tesa' xi 200 ruħ u nhar ta' Ħadd kienet tkun dejjem mimlija bil-Kenjani Kattolici li kienu jiġu minn postijiet oħra fil-Kenja fuq xogħol bħala *teachers*, *nurses*, suldati u pulizija. Kienu jieħdu gost jorganizzaw Quddiesa bil-kant u ferħ u biċ-ċerimonji kollha li trid il-Liturġija.

Wara l-Quddiesa kien ikun hemm dejjem laqgħat tal-Kunsill Parrokkjali, Legion of Mary u tal-Komunitajiet Żgħar Insara li kienu jieħdu ħsieb ta' xulxin biex jgħallmu l-Katekiżmu lit-tfal u lil dawk li jridu jibdew jgħixu ħajja sħiħa Nisranija Kattolika.

Il-Missjoni ġo Wajir kellha wkoll Girls' Town għal tfal bniet li jkunu orfni jew tfal ta' familji fil-bżonn. Kien hemm ukoll Rehabilitation Centre fejn kienu jiġu kkurati tfal li kellhom bżonn ta' xi kura medika jew fiżjoterapija.

Wara kienu ġew tal-Caritas Italiana fejn ftaħna klinika biex tikkura lill-morda bit-tuberkulosi.

Bdejna wkoll proġett Cash for Work li kien jgħin li xi elf ruħ biex jitgħallmu l-agrikultura.

Kellna wkoll 3 skejjel Kindergarten u bnejna skola elimentari.

**3. Żgur li għalkemm m'għadekx preżenti fil-Kenja imma bqajt iżżomm kuntatti u tinteressa ruħek dwar dak li qed jiġri. Xi żviluppi tara li seħħu matul dan iż-żmien li ilek li ħallejt il-Kenja kemm fuq livell ta' Knisja u mhux inqas fuq il-livelli kemm soċjali kif ukoll politiku?**
Fuq livell ta' Knisja sar żvilupp kbir. Biżżejjed ngħidu li fiż-żmien li kont hemm kien hemm Isqof Malti wieħed li kien l-E.T. l-Isqof Paul Darmanin u issa għandna żewġ Isqfijiet Maltin Kapuċċini oħra li huma l-E.T. l-Isqof Emanuel Barbara bħala Isqof ta' Malindi u l-E.T. l-Isqof Joseph Alessandro li huwa l-Isqof Koġitur ta' Garissa.

Kien hemm ukoll il-mibki Isqof Francis Baldacchino li ħalliena ħames snin ilu. Żvilupp ieħor kien li issa għandna iktar minn 60 Kenjan Kapuċċin fil-Kustodja tal-Kenja u li meta marru l-Kapuċċini Maltin 40 sena ilu ma kienx hemm Franġiskan wieħed fil-Kenja.

**4. Matul iż-żmien li għaddejt il-Kenja hemm xi esperjenza partikulari li tant laqtitek u forsi għadha impressjonata f'qalbek li tixtieq taqsamha mal-oħrajn?**
Darba konna qed nivvjaġġaw fid-deżert u raw raġel xiħ iwaqqafna. Lanqas felaħ jitkellem imma bis-sinjali indunajna li kien bil-għatx. Tajnieh flixkun ilma u qabbdu ma' ħalqu u xorbu kollu. Kif żvojtjah tahulna lura u l-ħarsa tiegħu kienet biżżejjed biex nifhmu li kien grat ħafna. Hemm tribù ta' nies li qatt ma jgħidu 'grazzi'. Meta xi ħadd qalilhom għaliex ma jirringrazzjawx, qalulu, li huma jirringrazzjaw lil Alla li pprovda lil xi ħadd biex jgħinhom fil-bżonnijiet li jkollhom.

**5. Xi proġetti u tamiet tara għall-futur tal-Knisja kif ukoll tal-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja?**
In-nies tal-Kenja huma nies tajbin u jidher li huma lesti li jilqgħu lill-Kapuċċini għax fi żmien ta' 40 sena l-ħajja tal-Kapuċċini ġibdet ħafna żgħażagħ biex isiru Kapuċċini u issa ħafna minnhom qed jaħdmu bħala saċerdoti u reliġjużi ħabrieka, intelliġenti, spiritwali u ferħanin li huma Franġiskani u jaħdmu biex jippritkaw b'ħajjithom l-Evanġelju ta' Kristu.

**6. Tħares lura lejn storja ta' 40 sena ta' preżenza tal-missjunarji Kapuċċini Maltin fil-Kenja, speċjalment b'relazzjoni mas-snin li għaddejt hemmhekk, tħoss li għandek tesprimi apprezzament jew gratitudni lejn xi ħadd partikulari?**
Nirringrazzjaw lill-Mulej li għajjat lilna biex naħdmu biex jixtered l-Evanġelju fil-Kenja permezz tal-preżenza tagħna hemmhekk u nirringrazzjawH ta' kemm ħelisna minn jaf minn kemm perikli u dejjem sabilna nies li jħobbu l-Missjoni biex jgħinuna noffru l-għajnuna spiritwali u materjali lin-nies fil-bżonnijiet tagħhom. Nirringrazzjaw lin-nies Kenjani li aċċettawna u dejjem trattawna daqskemm kieku konna Kenjani aħna wkoll.

**7. Messaġġ għall-okkażjoni tal-40 Anniversarju ta' Preżenza tal-Kapuċċini Maltin fil-Kenja.**
Waqt li nkunu niċċelebraw l-40 Anniversarju tal-preżenza tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja nitolbu għal dawk il-Missjunarji Kapuċċini Maltin li ħadmu f'din il-Missjoni u issa ma għadhomx magħna.

Nitolbu għal dawk li għadhom qed jaħdmu fil-Kenja biex il-Mulej ikompli jħarishom u jgħinhom.

***Il-Mulej jagħtina s-Sliem.***








ESPERJENZI MISSJUNARJI Fr Joe Grixti OFMCap




# Agħtuhom Intom Jieklu

*Mt. 14. 13-21.*

*(Patri Joe Grixti kien mar il-missjoni ta' Garissa fl-1977. Hawn ser jirrakkonta xi avvenimenti li kellu sakemm dam f'din il-missjoni sal-1989.)*

### ĠESÚ JGĦALLIMNA

Dan il-pass tal-Evanġelu huwa ferm sabiħ, hawn Ġesù indikalna li qabel nitolbu lilu biex jgħinna, għandna nkunu aħna l-ewwel li nfittxu li ngħinu lil min ikun fil-bżonn. Fejn ma naslux bil-ħila tagħna mbagħad induru lejH. F'dan il-Vanġelu naraw li meta kien sar ħafna ħin u wasal biex jidlam, l-appostli ħassew li dawk in-nies kienu għajjiena u bil-ġuħ. Staqsew lil Ġesù biex jibgħathom ħalli jsibu fejn jieklu u jistrieħu. Ġesù dar lejhom u qalilhom "Tuhom intom jieklu." Hawn naħseb li Ġesù kien qed jgħallem lill-Appostli bħala mgħallem. Hawn ried jara kif kienu ser jaġixxu. Imma fl-innoċenza tagħhom qalulu li ma kellhomx ikel biżżejjed. Anzi l-ebda wieħed minnhom ma qal lil Ġesù "tridna nagħmlu xi miraklu??" Hawn Ġesù qalilhom biex inewlulu l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet u Ġesù tema' lil kulħadd u żgur li ma ħalla lil ħadd barra. Kulħadd kiel u xaba'.

### DIN HIJA S-SEJĦA TAGĦNA

Din hija s-sejħa tagħna meta aħna nħossu li rridu ngħinu lin-nies il-fqar li hawn imferrxin fid-dinja. Hawn jiġi x-xogħol tal-missjunarju. Huwa jfittex li jgħin b'ħafna modi lil min hu fil-bżonn. Il-missjunarju jfittex u jagħmel wiċċu biex isib l-għajnuna ħalli jgħin lil dawk in-nies li jkun jaħdem magħhom.

### TRAKK MINN MALTA GĦALL-KENJA

Niftakar meta darba l-Parroċċa tagħna tal-Marsa ta' Marija Reġina, ġabu orgni għall-knisja mill-Ingilterra. Dan kienu ġabuh billi xtraw trakk minn hemm bl-irħis u ġabu l-orgni żarmat fuqu, *overland*. Dan kien fi żmien il-Kappillan Patri Valent Calleja. Meta nħatt l-orgni minn ġo fih, Patri Kassjan, beda jieħu t-trakk fejn il-parroċċi u kunventi tagħna l-Kapuċċini. Hawn dan it-trakk imtela bi bżonnijiet għall-missjoni u ntbagħat lejn il-Kenja. Meta wasal kien l-aħħar vjaġġ tiegħu, għaliex fuq it-toroq tal-Kenja żżarma u ġarrab ħafna ħsarat tant li ma kienx utli li nsewwuh. Ġara li ħattejna l-affarijiet li kien fih. Kien hemm ħafna affarijiet tax-xitwa ħoxnin li ma kinux tajbin għan-nies tal-lokal u kien hemm ħafna żraben bit-takkuna twila, in-nisa ma jilbsux dawn iż-żraben għaliex it-takkuna

tidħol ġor-ramel u ma jkunux jistgħu jimxu. Kien hemm ħafna drappijiet u ħwejjeġ tajbin. Kien hemm xi magni tal-ħjata u xi roti. Il-magni tal-ħjata ngħataw lil min kien jaf jaħdem u jħit u sab l-għejxien bihom għall-familja. Ir-roti ngħataw lill-katekisti. Dawn kienu jmorru jgħallmu l-katekiżmu 'l bogħod u hekk dawn ir-roti sabu użu tajjeb.

### GĦAJNUNA MINN PARMA, L-ITALJA

Barra minn hekk, jiena darba kont Ruma, u ltqajt ma' patri tagħna Kapuċċin li kien jaħdem l-Angola. Kien jirċievi ħafna għajnuna miċ-ċentru tagħhom li kien ġo Parma l-Italja. Hu qabbadni ma' dan iċ-ċentru tagħhom u bdew jibagħtuli, kull xahar pakkett tal-ħwejjeġ kważi ġodda, u kollha tas-sajf kif kont issuġġerejtilhom jiena minn qabel. Sibt ħafna għajnuna minn dan iċ-ċentru missjunarju fejn kien hemm ħafna voluntiera jaħdmu fih. Dawn kienu jirċievu, jaħslu u jissortjaw il-ħwejjeġ skont il-bżonnijiet tal-pajjiż fejn ikunu ser jibagħtuhom.

### GĦIN RUĦEK U ALLA JGĦINEK

Mela nitolbu lill-Mulej biex jgħinna f'ħilietna biex dejjem ngħinu lil min hu fil-bżonn. Hawn il-missjunarju jħoss li huwa jkun qed jilħaq l-iskop li mar għalih ġol-Afrika. Ġesù temagħhom lil dawk l-eluf imma aħna l-missjunarji weħidna ma nistgħux inxebbgħu tant mijiet ta' nies jekk ma tiġix l-għajnuna mingħand il-benefatturi tagħna. Il-missjunarju dejjem għandu bżonn l-għajnuna materjali imma importanti dik ukoll spiritwali tat-talb li jsir għalina. Jiena dejjem emmint li ħafna talb isir għall-missjunarji għaliex għaddejt minn mumenti fejn għedt veru hemm min qed jitlob għalija....!!!!





POEŻIJA Filippu Chircop

# F'nhar l-Għid tal-Imwiet

Mill-kampnari nstema' leħen;
Leħen kiebi, swied ta' qalb,
Kienu l-qniepen jistednuna
U jerfgħulna qlubna għat-talb.

"Qumu," qalu: "Morru l-knisja;
Titnikkrux titilfux ħin,
Ftakru llum f'RUĦ l-għeżież tagħkom
Li jinsabu midfunin.

Għax l-erwieħ għeżież minn tagħkom
Għadhom jgħixu, m'għandhomx tmiem,
U dawn jibqgħu fit-turmenti
Jissaffew, u hekk jieħdu s-sliem."

Kulħadd qam, u liebes l-iswed
Lejn il-maqdes b'ħeffa mar,
Għarkopptejh mal-art intefa'
U radd salib quddiem l-altar.

Il-Qassis, li wkoll kien bl-iswed,
Beda jqaddes għall-Erwieħ;
B'ħerqa kbira sar talb 'l Alla
Biex jagħtihom il-mistrieħ.

Din id-dehra f'jiem Novembru
Tidher spiss ma' kullimkien;
Kulħadd jeħles 'l-għeżież tiegħu
B'talb ħerqan..., minn ġon-nirien.



NOVELLA Emily Barbaro Sant

# Patata Chips

Din hija storja ħelwa ħafna li turi l-immaġinazzjoni tat-tfal.

Tifel ċkejken ried jiltaqa' ma' Ġesù. Kien jaf li t-triq kienet twila sa fejn kien joqgħod Ġesù, iżda ma qatax qalbu; ippakkja bagalja bi ftit ħwejjeġ u fiha qiegħed ukoll borża patata ċips, pakkett ta' 6 bottijiet birra u telaq għal għonq it-triq.

Meta kien laħaq mexa daqs tliet blokki bini minn fejn kien joqgħod, iltaqa' ma' raġel xiħ bilqiegħda fuq bank fil-park, li deher iċċassat iħares lejn il-ħamiem jittajjar. It-tifel intefa' bilqiegħda ħdejn ix-xiħ u fetaħ il-bagalja. Qabad bott birra u hekk kif kien ser jixrob innota li x-xiħ kien jidher bil-ġuħ. Offrielu ftit patata ċips u x-xiħ kielhom bil-qalb filwaqt li tah tbissima.

It-tifel tant ħa gost bit-tbissima tax-xiħ li xtaq jerġa' jarah jitbissem. Din id-darba offrielu bott birra u x-xiħ tbissimlu lura. It-tifel ried itir bil-ferħ! Baqgħu bilqiegħda ħdejn xulxin in-nofstanhar kollu, jieklu, jixorbu u jitbissmu mingħajr ma qalu kelma.

Hekk kif beda jidlam, it-tifel irrealizza li kien għajjien u qam biex jitlaq; mexa ftit passi u reġa' lura għal ħdejn ix-xiħ u tah tgħanniqa. Din id-darba t-tbissima tax-xiħ kienet aqwa minn ta' qabel.

It-tifel kompla miexi lejn id-dar u hekk kif fetaħ il-bieb ftit tal-ħin wara, ommu stagħġbet bil-bixra ta' ferħ li kellu fuq wiċċu u staqsietu għaliex kien qed jidher daqshekk ferħan. It-tifel wieġeb: "Mort niekol ma' Ġesù". Qabel ma ommu kellha ċans



twieġbu, żied jgħidilha: "Taf ma, kellu l-isbaħ tbissima fuq wiċċu li qatt rajt!"

Fl-istess ħin, ix-xiħ ukoll telaq lura lejn daru fejn sab lil ibnu jistennieh. Ibnu skanta bil-ħarsa ta' paċi li kellu missieru fuq wiċċu. Meta staqsieh x'kien ġara matul il-jum li ġegħlitu jkun daqshekk ferħan, ix-xiħ wieġeb: "Kilt il-patata ċips fil-park ma' Ġesù. U taf xiex? Huwa aktar żagħżugħ milli qatt ħsibtu!"

Kemm nagħmlu ġid ma' bniedem meta nisimgħuh, meta nżiegħlu bih, meta ngħidulu kelma ta' konfort, meta nfaħħru lil min ikun għamel xi ħaġa tajba! Il-Mulej japprezza kull ġest tajjeb li nagħmlu mal-proxxmu tagħna, iħallasna tiegħu u jberikna kif jaf HU. Kulma rridu hu li jkollna fidi sħiħa FIH.

Kemm hi sabiħa u f'waqtha t-talba ta' San Franġisk:

### *Mulej agħmilni strument tal-paċi tiegħek*

Mulej, agħmilni strument tal-paċi tiegħek;
Fejn hemm il-mibegħda, ħallini nħeġġeġ l-imħabba;
Fejn hemm il-ħtija, ħallini nferrex il-maħfra;
Fejn hemm id-dubju, ħallini ndaħħal il-fidi;
Fejn hemm il-qtigħ il-qalb, ħallini nqawwi t-tama;
Fejn hemm id-dlam, ħallini nkebbes id-dawl;
Fejn hemm in-niket, ħallini nxerred il-ferħ;
Mgħallem Divin, la tħallix li iżjed infittex li nkun imfarraġ, milli nfarraġ jien;
Li iżjed jifhimni ħaddieħor milli nifhem lil ħaddieħor jien;
Li iżjed inkun maħbub milli nħobb jien;
Għaliex meta nagħtu aħna naqilgħu;
Meta naħfru aħna niġu maħfura;
Meta mmutu nerġgħu nitwieldu għall-ħajja ta' dejjem.





POEŻIJA Charmaine Tanti

# Il-Mulej f'Ħajti

Nitlob lill-Mulej kuljum,
Nibda minn xħin jiena nqum.
Niżżih ħajr għal-lejl li tani,
U nitolbu jindukrani.

U qabel norqod billej',
Lill-Mulej jien ngħid kelmtej'.
Il-Mulej l-aqwa ħabib,
Li bħalu żgur qatt ma ssib.

Naf fiċ-ċert li jisma' talbi,
U li jaf x'hemm ġewwa qalbi.
Wens u serħ fiH żgur insib
Għax Hu jgħinni f'kull tiġrib.

Il-Mulej il-gwida tiegħi,
Huwa l-ħin kollu miegħi.
F'kulma nagħmel, nafda fiH,
Ġieħ u glorja jien nagħtiH.

Mingħajru, jien ma jien xej',
Għaliex kollox minnu ġej.
Hu l-awtur ta' ħajti kollha,
Mingħajru, ħajti tikkrolla.

Mal-Mulej nibqa' f'kuntatt,
Ma nitilqu qatt u qatt.
Jalla ngawdih fil-ġenna,
Halli ruħi hemm tithenna.





AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA KAPUĊĊINA F'MALTA
Bro. Bertrand Vella OFMCap – Segretarju Provinċjali

# Ad Multos Annos

Kif inhu xieraq, ta' kull sena jiġu mfakkra l-anniversarji kemm dawk marbuta mal-Ordinazzjoni Presbiterali kif ukoll dawk tal-Professjoni Reliġjuża ta' Ħutna l-Kapuċċini Maltin. Dan nagħmluh għal diversi motivi. Fosthom:

- Ma' dawn Ħutna aħna nroddu ħajr lil Alla kemm għad-don tas-saċerdozju kif ukoll għas-sejħa tal-Ħajja Konsagrata li Huwa qed iżejjinhom biha;

- Il-ferħ tagħhom fiċ-ċelebrazzjoni ta' dawn l-anniversarji jkun ukoll il-ferħ tagħna lkoll, mhux tagħna bħala Aħwa Franġiskani Kapuċċini u tal-familjari tagħhom, imma wkoll tagħkom il-benefatturi tagħna u qarrejja tar-Rivista "Dawl Franġiskan";

- Infittxu wkoll li nroddu ħajr lil Alla mhux biss tad-don fih innifsu tas-Saċerdozju jew tal-Ħajja Konsagrata imma wkoll għal dak kollu li Alla għoġbu jwettaq permezz tagħhom fid-diversi ħidmiet pastorali li huma għamlu u għadhom qed jagħmlu. Huwa għalhekk li sejrin insemmu wkoll id-diversi ħidmiet li dawn wettqu bħala Franġiskani Kapuċċini.

- Fl-aħħar nett u mhux l-inqas aħna f'isimkom nawguraw lil dawn Ħutna "Ad Multos Annos" – imsieħba ma' ħajja twila ta' qadi mimlija saħħa u sliem fil-Mulej.

## GĦAS-SENA 2014 GĦANDNA DAWN L-ANNIVERSARJI

## 50 SENA MILL-ORDINAZZJONI PRESBITERALI

### 1. P. DIEGU THEUMA (1964-2014)

Dan Ħuna, li twieled il-Belt Valletta u trabba fir-raħal ta' Ħal Lija, iċċelebra għeluq il-50 Sena bħala Presbiteru fil-Knisja Parrokkjali tas-Salvatur, Ħal Lija, nhar il-Ġimgħa 23 ta' Mejju 2014.



Matul il-50 sena bħala saċerdot huwa wettaq diversi ħidmiet pastorali fosthom Viċi Kappillan u aktar tard Kappillan fil-parroċċa tal-Marsa, Trinità Qaddisa u Kappillan fil-Parroċċa ta' Marija Reġina, Gwardjan kemm fil-Kunvent tar-Rabat Għawdex u dak tax-Xemxija, kappillan mal-morda fid-Dar għall-Anzjani San Vinċenz ta' Paola. Huwa serva f'diversi kummissjonijiet kemm fuq livell djoċesan f'Malta u Għawdex u anke dak tal-Provinċja tagħna.



Huwa magħruf għaż-żelu pastorali tiegħu speċjalment tal-qrar. Huwa jqarar lil diversi reliġjużi kemm irġiel kif ukoll nisa. Imfittex għall-predikazzjoni ta' rtiri, eżerċizzi u paniġierki u mhux inqas għad-devozzjoni tiegħu lejn il-qaddis Kapuċċin Patri Piju tal-Pjagi.

Fil-preżent Huna P. Diegu qiegħed iservi bħala Gwardjan fil-Kunvent ta' San Ġużepp Haddiem, fix-Xemxija.

## 2. P. REMIĠ GALEA (1964-2014)

Dan Huna ċċelebra għeluq il-50 Sena bħala Saċerdot fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, fil-Kunvent tagħna ġewwa r-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 12 ta' Settembru 2014.

Patri Remiġ twieled u trabba fil-Parroċċa ta' Sannat, Għawdex. Huwa magħruf bħala "Il-Poeta" għas-sengħa li għandu kif jinseġ poeżiji sbieħ fuq kull suġġett u ħafna drabi bi spirtu pront. Huwa wettaq diversi ħidmiet pastorali fi ħdan il-Provinċja tal-Kapuċċini speċjalment mal-Anzjani fid-Dar tagħhom f'San Vinċenz ta' Paola. Minbarra "Il-Poeta" nistgħu wkoll insejħulu bħala "Il-Habib tal-



Morda" għall-fatt li għadda l-50 sena tas-saċerdozju tiegħu bħala kappillan, jassisti lejl u nhar, lill-morda u lill-anzjani b'dedikazzjoni u mħabba kbira.

D'żelu pastorali kbir; minbarra li huwa l-biblijotekarju tal-fraternità ta' Għawdex, huwa jiddedika ħinijiet twal għall-qrar u għall-predikazzjoni, dejjem lest b'xi ċajta fuq fommu biex iwennes u jfarraġ lill-imnikket.

Fil-preżent Huna P. Remiġ, wara li rtira mill-pastorali tiegħu mal-morda, qiegħed iwettaq il-pastorali tiegħu ġewwa l-gżira li fiha twieled bħala membru tal-Fraternità tal-Madonna Tal-Grazzja, ġewwa Għawdex.

## 3. P. GEORGE BEZZINA (1964-2014)

Huna Patri George Bezzina ċċelebra għeluq il-50 Sena bħala Saċerdot ġewwa l-Parroċċa fejn twieled u trabba, jiġifieri dik tal-Madonna ta' Lourdes, San Ġwann, il-Hamis 1 ta' Mejju 2014.







Nistgħu ngħidu li kważi l-50 sena tas-saċerdozju tiegħu Huna George għaddiehom bħala missjunarju. Fil-fatt, wara li għamel sentejn jgħallem il-matematika fl-Iskola Serafika li l-Kapuċċini kellhom fil-Furjana, huwa għadda 48 sena jwettaq ħidma missjunarja. L-ewwel ħidma tiegħu bħala missjunarju kienet dik ta' 13-il sena fl-Indja. Hawn kien fost l-ewwel Kapuċċini Maltin li marru f'Bhopal flimkien ma' P. Ranieru Zammit, P. Mawrizju Cassar u P. Marcellino Vella.

F'Ottubru tas-sena 1979 flimkien ma' P. Mawrizju Cassar mar sabiex jissokta l-ħajja missjunarja tiegħu din id-darba fil-Kenja. Hemmhekk wettaq diversi ħidmiet fosthom dawk ta' Kappillan fil-Parroċċa ta' Ruiru, fil-Fraternità ta' Mpeketoni, Superjur Regulari (1981-84), Viċi Provinċjal (1999-2002), Kunsillier u responsabbli mill-amministrazzjoni ekonomika u proġetti ta' bini kemm f'Nairobi kif ukoll f'Malindi mal-mibki l-Isqof Mons. Frans Baldacchino.

Fil-preżent Huna George għadu qiegħed iwettaq is-sejħa missjunarja tiegħu fil-fraternità ta' Westlands ġewwa Nairobi responsabbli mill-amministrazzjoni ekonomika u l-proġetti ta' bini ta' knejjes, skejjel u kliniċi fi-ħdan il-Kustodja tal-Kenja.

## 25 SENA MILL-ORDINAZZJONI PRESBITERALI



### 1. P. GODFREY ZARB (1989-2014)

Huna Godfrey Zarb minn Ħaż-Żabbar qiegħed jiċċelebra l-25 anniversarju tas-saċerdozju tiegħu. Huwa beda jgħix il-Ħajja Konsagrata bħala Kapuċċin mal-Provinċja ta' Firenze ġewwa l-Italja. Irċieva hemmhekk il-formazzjoni tal-bidu u ġie ordnat saċerdot fis-sena 1989. Wara għamel snin bħala missjunarju fin-Niġerja bħala membru tal-Provinċja ta' Firenze.

Fis-sena 2003 huwa talab li jkun membru tal-Provinċja ta' Malta. Wara li sar dan it-trasferiment permezz tas-Superjuri Ġenerali huwa wettaq diversi ħidmiet pastorali fil Provinċja ta' Malta. Kien kappillan fid-Dar tal-Anzjani San Vinċenz ta' Paola, Gwardjan fil-Kunventi tal-Furjana u dak tar-Rabat Għawdex, membru fil-Kunsill Provinċjali u Assistent Provinċjali tal-O.F.S. u Direttur tal-Post-Novizzi.

Huwa jwettaq diversi ħidmiet pastorali oħra fil-Hidma Pastorali bħala 'councellor', konfessur u predikatur. Ta' sikwit jieħu sehem fi programmi fuq ir-radju. Fil-preżent huwa jifforma parti mill-fraternità ta' Marija Reġina, il-Marsa, bħala Viċi Kappillan.

## 25 SENA MILL-PROFESSJONI PERPETWA



### 1. BRO. JOHN CASSAR (1989-2014)

Huna John Cassar li twieled u trabba fil-Parroċċa ta' Marija Reġina, ġewwa l-Marsa, ġie mgħammed fil-Parroċċa tat-Trinità Qaddisa, fil-Marsa. Huwa attenda l-iskola primarja u sekondarja fil-Marsa. Wara sentejn Postulandat fil-Kunvent ta' Santa Liberata, il-Kalkara, fis-sena 1983 għamel is-sena tan-Novizzjat fil-Kunvent ta' Sant'Antnin, Għajn Dwieli. Irċieva l-Professjoni Perpetwa 25 sena ilu, jiġifieri fis-sena 1989.

Bħala 'brother' huwa wettaq diversi ħidmiet speċjalment fil-fraternità ta' Marija ta' Lourdes, f'San Ġwann. Imma l-akbar esperjenza pastorali li huwa jitkellem dwarha u li ħalliet marka fil-ħajja tiegħu kienet dik meta laqgħa s-sejħa ta' missjunarju u mar il-Kenja fejn għadd 20 sena.

Wara l-esperjenza missjunarja qasira li Ħuna John kien għamel fl-Albanija fis-sena 1992 huwa kompla jikkonferma u jkattar fih is-sejħa missjunarja bħala l-vokazzjoni tiegħu. Fil-fatt sena wara, jiġifieri fis-sena 1993, huwa talab lill-Provinċjal ta' dak iż-żmien, Ħuna P. Philip Cutajar, u mar bħala missjunarju fil-Kenja fejn dam hemmhekk 20 sena, sas-sena 2013.

Fost id-diversi ħidmiet li huwa wettaq bħala missjunarju, kemm fuq livell pastorali u anke soċjali, tispikka l-preżenza tiegħu fid-djoċesi ta' Garissa fejn kien ta' għajnuna kbira għall-Isqof Mons. Pawlu Darmanin. F'Garissa fost ir-responsabbiltajiet li kellu huwa wettaq ħidmiet pastorali fil-parroċċa ta' Modogo u anke mal-istudenti Nsara fl-iskejjel sekondarji u mas-'Small Christian Communities' fid-diversi parroċċi dejjem fid-Djoċesi ta' Garissa. Huwa għadda żmien ukoll fil-parroċċa ta' Wema u sentejn f'Mpeketoni.

Fil-preżent Ħuna John qiegħed jagħmel waqfa temporanja mill-ħidma missjunarja tiegħu u qiegħed bħala membru tal-Fraternità tas-Salib Imqaddes, fil-Furjana.

## 2. P. MARTIN MICALLEF (1989-2014)



Ħuna P. Martin Micallef twieled u trabba fi ħdan il-parroċċa tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa. Huwa ħa l-edukazzjoni sekondarja tiegħu f'Mt Carmel College, Sta Venera u fid-De La Salle College, Bormla. Wara sentejn postulant fil-fraternità tal-Kalkara wettaq in-novizzjat fl-istess fraternità. Talab u rċieva l-Professjoni Perpetwa fi ħdan l-Ordni Franġiskan Kapuċċin 25 sena ilu. Huwa ġie ordnat saċerdot fis-sena 1992. Fil-preżent Ħuna Martin huwa l-Ministru Provinċjal tal-Fraternità tal-Kapuċċini f'Malta. Matul is-snin tiegħu bħala saċerdot huwa wettaq diversi ħidmiet fosthom Segretarju Provinċjali u Editur ta' "Kliem Il-Ħajja". Fis-sena 1994 huwa ġie mibgħut mis-superjuri tiegħu sabiex jispeċjalizza fl-istudju tal-Kotba Mqaddsa ġewwa Oxford, l-Ingilterra. Temm l-istudju tiegħu b'suċċess u immedjatament mal-wasla tiegħu f'Malta daħal jgħallem it-Teoloġija Biblika fl-Università ta' Malta. Illum huwa d-Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija Biblika fl-Università. Għamel snin bħala segretarju ta' diversi Ministri Provinċjali u anke Kunsillier tal-Provinċjal sakemm fil-Kapitlu Provinċjali tas-sena 2013 ġie magħżul bħala Ministru Provinċjal.

Fil-preżent Ħuna Martin minbarra li qed jaqdi dan il-ministeru bħala Provinċjal huwa wkoll Editur ta' "Kliem Il-Ħajja". Huwa mfittex għal diversi konferenzi, irtiri, paniġierki u kitbiet f'rivisti flimkien ma' programmi fuq ir-Radju dwar l-Iskrittura Mqaddsa. Huwa wkoll il-President tal-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri tar-Reliġjużi (KSMR).



## 50 SENA MILL-PROFESSJONI TEMPORANJA 1964-2014

Ma' dawn Ħutna li semmejna hemm ukoll erba' Ħutna Patrijiet li qegħdin jiċċelebraw għeluq il-50 Sena mill-Professjoni Temporanja tagħhom. Dawn huma:

**P. Crispin Tabone** minn Bormla
**P. Anton Dimech** mill-Marsa, Trinità Qaddisa
**P. Vincent Buhagiar** miż-Żurrieq
**P. Anthony Ciangura** mill-Furjana.

# Ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr għall-ħidma fir-residenza għall-Anzjani St Vincent De Paule




Fis-26 ta' Ġunju 2014, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Qalb ta' Ġesù, il-Vigarju Ġenerali, l Isqof Mons. Charles J. Scicluna mexxa quddiesa konċelebrata fir-Residenza għall-Anzjani, St Vincent de Paule. F'din il-quddiesa ħadu sehem ukoll il-kappillani l-ġodda ta' din ir-residenza flimkien mal-Aħwa tagħna patrijiet li hadmu hemmhekk ghal bosta snin.

Fl-assenza tal-Ministru Provinċjal, il-Vigarju Provinċjali, Huna P. Valent Calleja laqa' rigal flimkien ma' plakka kommemorattiva li ġew offruti lilna l-Kapuċċini mill-awtoritajiet ta' din ir-residenza b'apprezzament għall-ħidma twila li aħna bħala Kapuċċini Maltin wettaqna hemmhekk, filwaqt li Mons. Scicluna faħħar din l-istess ħidma li saret b'tant dedikazzjoni u mħabba. Kien tassew ġest sabiħ min-naħa tal-awtoritajiet ta' din ir-Residenza.

Nieħdu din l-okkażjoni sabiex anke min-naħa tagħna nirringrazzjaw lil kull wieħed mill-Aħwa Kapuċċini li, uħud minnhom għal snin twal, iddedikaw il-ħidma pastorali tagħhom mal-morda u anzjani bl-akbar imħabba, impenn u dedikazzjoni, bl-assistenza offruta lilhom fuq bażi *full time,* lejl u nhar, il-ġimgħa kollha. Dawn ħutna taw xhieda tal-kariżma Franġiskana u għamlu unur lill-preżenza tal-Kapuċċini f'Malta.





# ... aktar Aħbarijiet

## Għotja ta' Dokumenti dwar Huna P. Feliċjan Bilocca

Is-Sur Gerald Bilocca, ħu Huna il-mibki P. Feliċjan Bilocca, permezz tan-neputi s-Sur Anthony Bilocca għoġbu jirregala lill-Arkivju Provinċjali numru ta' dokumenti u kitbiet ta' Huna P. Feliċjan. Fost dawn hemm numru kbir ta' kitbiet li Huna P. Feliċjan kien kiteb għat-trażmissjonijiet li kien jagħmel fuq ir-Radju. Nirringrazzjaw mill-qalb lill-Familja Bilocca talli għoġobha tirregala lill-Provinċja dan il-materjal li ser jinżamm b'għożża fl-Arkivju tagħna fil-Furjana bil-għan li 'l quddiem ikun jista' jsir aktar studju ta' riċerka dwar dan Huna P. Feliċjan Bilocca u l-kontribut tiegħu lill-Knisja u s-soċjetà f'Malta.





KOMPETIZZJONI Fr Wistin Attard OFMCap

# ROKNA Għat-tfal

## NIPPARTEĊIPAW U NITGĦALLMU NUŻAW IL-BIBBJA

## SIB IL-KLIEM

### NISA FIL-BIBBJA

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ġ | V | A | S | T | I | A | T | T | I | D | U | Ġ |
| E | A | B | Ħ | A | M | M | O | L | E | K | E | T |
| Ħ | P | T | A | X | S | A | N | D | E | Ħ | G | N |
| O | M | I | K | I | J | A | E | A | O | M | A | S |
| S | E | R | S | B | T | O | R | G | S | T | E | X |
| A | X | S | E | D | O | Ħ | Ħ | P | T | L | D | Ġ |
| B | G | A | T | Ż | G | A | X | I | O | T | S | Ħ |
| A | B | I | J | A | D | Ż | D | F | J | Ġ | E | A |
| T | F | Ġ | B | D | N | U | H | A | M | S | R | D |
| X | E | R | A | H | Ġ | A | P | R | T | O | E | A |
| T | I | N | O | G | D | F | K | E | V | N | Ż | S |
| M | A | J | R | A | M | N | R | S | A | B | I | S |
| N | O | G | H | A | D | I | J | A | G | X | E | A |

- Abi
- Għedna
- Abija
- Miriam
- Bagħra
- Mikija
- Ester
- Nogħadija
- Ġeħogħaddan
- Selofħad
- Ġeħosabat
- Sera
- Ġuditta
- Hammoleket
- Tirsa
- Hadassa
- Vasti
- Xeraħ
- Hodes
- Żeres

*Ir-rebbieħ ta' kull kompetizzjoni qed jingħata żewġ kotba ppubblikati reċentement, mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar.*

Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan,**
**Kunvent tal-Kapuċċini**
**Il-Furjana FRN 1211.**

**Agenda**bookshop

***Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni TISLIBA 135 ta' Ottubru 2014 hija Margarete Flott - "Jeandmaray" - 27, Triq Trunċiera Twila - Kappara - San Ġwann - SGN 2123.***

***Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni ROKNA GĦAT-TFAL ta' Ottubru 2014 'Aħseb u wieġeb' huwa Christian Busuttil Naudi - "Iwaly" - 7, Triq Kanġu - Birżebbuġa***

***Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini - Il-Furjana.***

# Tisliba 136




1. Bħal missier ma' wliedu. (1 Tess 1,11) (5)
2. Lura minn dan. (Sir 20,29) (6)
3. Jiżdiedu d-deheb u dan. (Dt 8,13) (5)
4. Aqbdu ..., (Ħag 2,4) (5)
5. U dan qal lil David. (1 Sam 28,1) (4)
6. Iżjed minn imsejken. (S 69,30) (5)
7. Jagħmel dan bla ħtija. (1 Pt 2,19) (5)
8. Taħt din tad-dnub. (Rum 3,9) (5)
9. Għax ... li dan bit-talb. (Fil 1,19) (3)
10. Aram ta' hawn. (1 Kron 18,5) (7)
11. u 12. Kienu sebgħa tal-ġublew. (Ġoż 6,4) (6)
13. It-tifel hu dan ta' jdejna. (Tob 5,18) (6)
14. Hekk tkun dar Għeżaw. (Għabd 18) (5)
15. Mur minn quddiemi. (Mk 8,33) (5)
16. Deher lil Żakkarija. (Lq 1,11) (5)
17. Tal-ktajjen, mhux tal-ħbula. (2 Tim 2,9) (5)
18. Hu tnejn minn dawn. (Lev 8, 2) (7)
19. Mhux ħafif biex jinkorla. (Ġoel 2,13) (4)
20. Hekk kienu l-ilmijiet tagħha. (Naħ 3,8) (3)
21. Kien saħħar. (Atti 13,8) (5)
22. Kien hemm sebgħa minnhom. (Dan 14,32) (5)

**SOLUZZJONI TA' OTTUBRU 2014:**

1.Qisna; 2. Ċanfir; 3. Fidda; 4. Aħdmu; 5. Akis; 6. Batut; 7. Ibati; 8. Ħakma; 9. Naf; 10. Damasku; 11. u 12. Trombi;
13. Bastun; 14. Tiben; 15. Itlaq; 16. Anġlu; 17. Irbit; 18. Imtaten; 19. Tqil; 20. Sur; 21. Elima; 22. Ljuni.



# Għajnuna għall-Missjoni

## Kif? B'liema Mod? Kemm?

## 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

**L-ewwel u qabel kollox offri t-talb u s-sagrifiċċji tiegħek għall-ħtiġijiet spiritwali tal-missjunarji.**

1 **BORŻA TA' STUDJU** sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €580.

2 **IBAGĦTULNA BOLOL U TELECARDS UŻATI...** Naċċettaw kull tip ta' bolol u telecards użati. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI. Kull kilo bolol użati aħna nbigħuhom b'5 ewro għall-missjoni.

3 **NAPPREZZAW LI TIBAGĦTULNA RĊEVUTI TAL-VAT** sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni.

4 **BAŻAR B'RISQ IL-MISSJONI.** Miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 u l-11.30am u bejn l-4.30 u s-7.30pm. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

5 **NAPPREZZAW LI TIBAGĦTULNA KULL OĠĠETT LI NISTGĦU NBIGĦU FIL-BAŻAR GĦALL-MISSJONI** minbarra lbies (clothes) u żraben użati.

6 Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta sabiex inqassmu r-Rivista "DAWL FRANĠISKAN" minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċertu bliet u rħula. **OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK.** Għandna bżonn: B'Kara; Bormla; Il-Għargħur; Il-Manikata; Il-Qawra; San Ġiljan; Paola; Marsa Parroċċa Trinità Qaddisa u Santa Luċija.

7 **INTENZJONIJIET GĦALL-QUDDIES.** Meta tagħtu flus biex isiru quddies fil-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħin lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

8 Meta tiġi biex tagħmel it-testment wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a **BILLI THALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.**

*Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:*
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Il-Furjana**

**Telefown:** 2123 3874 2123 4949 2122 5525

**Imejl:** cutajarphilip777@gmail.com